# Il-Ħajja f'Għawdex

Nru. 842

Ottubru 2002




## 10 Snin mill-Ftuħ tal-Lumen Christi Media Centre


LUMEN CHRISTI
Ktieb tajjeb huwa
l-aqwa ħabib...
Fil-"Lumen Christi"
issib kemm trid!
BAZAAR PERMANENTI
BI SKONT TA' 10%
FUQ KOTBA MILL-ISBAĦ
għat-tfal
366 BIBLE STORIES
IL-BIBBJA GĦAT-TFAL FI 365 STORJA
OLIVER FRIGGIERI
L-ISTORJA TA' ĠESÙ
miktuba għat-tfal
IL-BIBBJA GĦAT-TFAL
366 Fairy Tales
THE BIBLE for Children
Classic Enid Blyton Stories
365 TALBA GĦAT-TFAL
My Big Fun Book of NUMBERS
FIRST FUN ENCYCLOPEDIA
KNOW THE WORLD OF ANIMALS
Birds, Reptiles and Insects
Children's WORLD ATLAS
WORLD HISTORY ENCYCLOPEDIA
MILLENNIUM EDITION
THE ILLUSTRATED FLAG HANDBOOK
MARIA COSTANTINO
MY BOOK OF EUROPE
THE EUROPEAN COMMUNITY
My Book of SCIENCE EXPERIMENTS

## f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Għawdex 300 sena ilu –
Is-Surmast Dun Onorat • 9
Id-Dinja ta' Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista -
Għaxar snin ta' ħidma mit-twaqqif tal-Lumen Christi Media Centre • 12
Kwart ta' miljun ktieb fi 30 sena • 16
Bookmark • 18
Il-Knisja ta' Iquitos 19
ACM:L-Ilma • 20
Mill-Knisja fid-Dinja • 23
Tifsir fuq it-tagħlim tat-Twemmin Nisrani (11) • 24
Esperjenzi Volontarjat • 26
Il-Biedja f'Għawdex (9) • 30
Wirt Għiritna –
Il-Mużew tal-Istorja Naturali (10) • 34
Madre Margerita De Brincat • 36
Int u saħħtek • 38
Għawdex Sportiv • 40
Kurżitajiet minn madwar id-dinja • 42

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
**Ħarġa nru. 842**

**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Amministrazzjoni*:**
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail*: lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage*:**
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata: *Lumen Christi Media Centre***
**Stampata: *"Gozo Press" Tel.21551534***

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fil-15 ta'Settembru,2002*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
Għaxar Snin tal-Lumen Christi Media Centre

# EDITORJAL

# L-EKU TAL-PASTORALI TA' SANTA MARIJA

Kienu diversi l-kummenti pożittivi dwar l-aħħar Ittra Pastorali ta' l-Isqfijiet tagħna, maħruġa fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija. Il-pastorali kienet titratta dwar id-dmir tan-nisrani fil-ħarsien tal-ħolqien u l-ambjent.

Huwa fatt li s-suġġett ta' l-ambjent huwa materja li suppost tinteressana lkoll, u aħna mhux biss bħala ċittadini, imma wkoll bħala nsara, għandna nħossuna fid-dmir li dan l-ambjent inħarsuh u nipproteġuh mill-aħjar li nistgħu biex ngħadduh lil ta' warajna, jekk mhux aħjar, ta' l-anqas mhux agħar milli sibnih aħna.

Il-Knisja lokali allura ħasset il-ħtieġa li ssemma' leħinha u tikkundanna fejn hemm bżonn ċerti abbużi li għandhom x'jaqsmu ma' l-isfruttament egoistiku ta' l-ambjent ta' madwarna: "Waqt li nżommu f'moħħna r-realta` tal-ħolqien kollu kemm hu, irridu nħossuna responsabbli li nagħtu sehemna biex il-ħolqien ma jinqeridx minħabba d-deni li jġibu sitwazzjonijiet bħal użu bl-addoċċ ta' l-art, applikazzjoni mhux maħsuba tal-progress, ir-regħba u l-egoiżmu" (mill-Ittra Pastorali ta' Santa Marija 2002).

Żgur li permezz tad-diskors ta' l-isqfijiet, kompliet tinħoloq kuxjenza fost kulħadd biex kull persuna tħossha iżjed responsabbli anke bil-ftit li tista', ħalli ntejbu l-ambjent ta' madwarna anke fl-affarijiet iż-żgħar.

Issemma wkoll ir-rwol tal-familja, li trid tkun minn ta' quddiem nett f'din il-ħidma, biex tħabrek ħalli teduka lil uliedha biex "iħobbu, jgħożżu u jħarsu l-ħolqien, in-natura u l-ambjent".

L-isqfijiet ma naqsux li jtennu wkoll l-apprezzament tal-Knisja għall-ħidma tal-komunita` internazzjonali li trid "tingħaqad dejjem iżjed fl-impenn li l-ideal ta' żvilupp totali, għaqli, tajjeb u sod jitqies bħala kwistjoni ta' ħajja u mewt għall-umanita`".

Rigward dan issemma wkoll is-*Summit Mondjali* li l-Ġnus Magħquda kienet ser torganizza f'Johannesburg fl-Afrika t'Isfel, mis-26 ta' Awissu sa l-4 ta' Settembru, dwar l-Iżvilupp Sostenibbli.

Fil-fatt dan is-*Summit* ġie fi tmiemu b'diversi riżoluzzjonijiet pożittivi għal kif ser jitfassal pjan mondjali għad-dinja tal-ġejjieni, għad li kien hemm ħafna li xtaqu xi ħaġa iżjed u aħjar.

Ta' min isemmi xi suġġerimenti konkreti li għamlet id-delegazzjoni tal-Vatikan għal dan is-*Summit*. Fost l-oħrajn issemmiet il-qerda totali tal-faqar, ir-riduzzjoni tad-djun internazzjonali mal-pajjiżi tat-tielet dinja, id-dinjità tal-persuna tal-fqir, l-opportunitajiet ta' xogħol, ta' formazzjoni u ta' saħħa, il-provediment ta' sistemi ta' *housing* adegwat, u l-insistenza biex jinstab metodu ta' konsum li jkun kompatibbli mal-ħarsien ta' l-ambjent.

Nittamaw li dawn ir-riżoluzzjonijiet konklużivi ta' dan is-*Summit* narawhom jiġu mwettqa fl-iqsar żmien possibbli – mhux biss favur dawk li verament jeħtieġu l-għajnuna, imma wkoll għall-ġid u l-*image* ta' l-istess umanita` intera.






## *It-tberik ta' artal ġdid fil-M.U.S.E.U.M. tan-Nadur*

It-Tnejn 5 ta' Awissu 2002 Mons Isqof żar il- M.U.S.E.U.M. tas-subien fin-Nadur fejn bierek artal ġdid li għandu jintuża fil-kappella tagħhom. Dan l-artal huwa magħmul mill-materjal ta' l-injam *teak*, mill-ħadid u l-wiċċ tal-ħġieġ. Dan huwa disin ta' Joe Camilleri u x-xogħol sar minn Raymond u Peter Farrugia, Lino Curmi li ħadem il-ħadid u Charlie Camilleri ħa ħsieb ta' l-*spray* tal-ħadid. Qabel Mons Isqof mexxa konċelebrazzjoni fil-bitħa ta' l-istess Museum.



## *Il-Velja ta' Santa Marija*

Fuq iz-zuntier tas-Santwarju tal-Bażilika ta' Pinu inżammet il-velja ta' l-Assunta. Din il-velja bdiet bit-talb u ċelebrazzjoni tal-Kelma ta' Alla, kif ukoll qari minn siltiet meħudin mit-tagħlim tal-Missirijiet tal-Knisja. Wara l-programm kompla b'konċelebrazzjoni mexxija minn Mons Isqof u li fiha ħadu sehem numru sabiħ ta' saċerdoti. Mons Isqof fl-omelija saħaq fuq il-ħtieġa li pajjiżna josserva dejjem iktar il-valuri nsara. Matul il-quddiesa saret ukoll ġabra b'risq il-Missjoni fil-Guatemala fejn hemm jaħdem is-saċerdot Għawdxi Dun Anton Grech.

## *It-tieni laqgħa għas-saċerdoti msefrin*

Is-Sibt 17 ta' Awissu 2002 saret it-tieni laqgħa għas-saċerdoti li huma msefrin barra u qegħdin jagħmlu xogħol pastorali fid-djoċesijiet oħra. Mons Isqof beda billi ta rapport qasir fuq il-vjaġġ li għamel fil-Brażil. Wara tkellmu wkoll Mons Vigarju u Mons Salv Grima, is-saċerdot responsabbli mis-saċerdoti msefrin. Fl-aħħar ukoll kien hemm mument fejn is-saċerdoti qasmu l-esperjenzi tagħhom tal-ħidmiet li qegħdin iwettqu f'diversi oqsma tal-pastorali kif ukoll semmew il-problemi li magħhom jiltaqgħu u kif jirnexxilhom jissuperawhom. Fl-aħħar tal-laqgħa sar mument ta' talb għar-ruħ Dun Ġwann Muscat, saċerdot Għawdxi li kien jaħdem fl-Amerika u li miet dan l-aħħar meta kien għall-vaganzi f'Għawdex. Dun Ġwann kien ħa sehem fl-ewwel laqgħa li kienet saret għas-saċerdoti msefrin.

### *Pellegrinaġġ għall-Madonna tal-Għar, Rabat Malta.*

Nhar it-Tlieta 20 ta' Awissu 2002 sar il-Pellegrinaġġ Djoċesan għal Malta organizzat mill-Kummissjoni Djoċesana għall-Apostolat tal-Lajċi kif seħħ ta' kull sena f'dan l-aħħar snin. Is-sitt *privates* iltaqgħu fil-Knisja tad-Dumnikani r-Rabat, Malta. Wara li sar xi talb lill-Madonna ta' l-Għar, Mons Isqof mexxa konċelebrazzjoni li fiha ħadu sehem għadd sabiħ ta' saċerdoti għawdxin. Fl-omelija Mons Isqof tkellem mid-devozzjoni popolari li l-poplu tagħna għandu lejn il-Verġni Mbierka. Huwa ħeġġeġ lil dawk preżenti biex irawmu fihom devozzjoni awtentika lejn il-Madonna.

### *IL-"University Malta Gozo Centre" jagħlaq għaxar snin.*

Fl-okkażjoni tal-għeluq l-għaxar snin mill-ftuħ tal-*University Malta Gozo Centre* Mons Isqof ġie mistieden biex iqaddes f'dan iċ-ċentru. Saru diversi attivitajiet biex ifakkru din il-ġrajja storika għal Għawdex. Fost l-attivitajiet inżammet quddiesa ta' radd il-ħajr li saret fl-istess lokal taċ-ċentru. Fil-quddiesa Mons Isqof wasal il-ħsieb dwar Kristu l-għajn ta' kull għerf. Fost dawk preżenti għal din il-quddiesa kien hemm l-Ispeaker tal-Parlament u r-Rettur tal-Università ta' Malta.

### *F'għeluq it-tmenin sena tas-Sur Ġużeppi Cremona.*



Nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Settembru fl-Oratorju Don Bosco ġew imfakkra it-80 sena ta' Ġużeppi Cremona li kien attur magħruf u ħadem bosta drabi fuq il-palk ta' l-Oratorju ta' dan iċ-ċentru. Is-serata bdiet b'quddiesa ikkonċelebrata mmexxija minn Mons Isqof. Mons Isqof fl-omelija qal li okkażjoni bħal din l-ewwel u qabel kollox hija sejħa biex wieħed irodd ħajr lil Alla taż-żmien misluf lilna. Huwa għamel appell ukoll biex jintwera iktar rispett lill-anzjani fi ħdan il-komunita`. Wara l-quddiesa kien hemm rappreżentazzjoni fuq il-palk li fiha fost l-oħrajn ħa sehem ukoll is-Sur Ġużeppi Cremona.

### *Laqgħa għar-religious Councellors*

Nhar il-Ġimgħa 13 ta' Settembru fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesu` saret laqgħa għas-saċerdoti li huma *religious councellors* fl-iskejjel kemm ta' l-Istat kif ukoll f'dawk tal-Knisja. Din il-laqgħa ġiet preseduta minn Mons Isqof li fost ħwejjeġ oħra insista dwar il-ħtieġa tal-preżenza ta' saċerdot fl-iskejjel u s-servizz reliġjuż li jingħata minnu bħalma hija l-quddiesa.

### *Ħamsin sena mill-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Grazzja*

Kif kien ħabbar Mons Isqof fl-aħħar ċirkulari li ħareġ tal-4 ta' Awissu 2002 nhar is-Sibt 14 ta' Settembru 2002, fl-okkażjoni tal-ħamsin sena mill-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Grazzja, Mons Vigarju Ġenerali Giovanni B. Gauċi mexxa il-pellegrinaġġ li telaq mill-Pjazza tal-Kattidral u ntemm bil-Barka Sagramentali fuq iz-zuntier tal-knisja tal-Kapuċċini. Il-barka ġiet mogħtija minn Mons Isqof. Il-Kwadru tal-Madonna tal-Grazzja huwa xogħol tal-pittur Malti Stiefnu Erardi u kien inkurunat mill-Isqof ta' Għawdex Mons Ġużeppi Pace.



# X'ġara dan l-aħħar



Lelio Spiteri

## *Servizz bil-Lejl mill-Gozo Channel fix-Xitwa*



Fit-12 ta' Settembru l-*Gozo Tourism Association* laħqet ftehim mal-kumpanija *Gozo Channel Ltd* biex ikun introdott servizz bil-vapur fix-xhur tax-xitwa. Dan beda jseħħ mit-30 ta' Settembru. Dan il-ftehim jiggarantixxi servizz ta' żewġ vjaġġi meta mitluba minn qabel. Jekk ma ssirx talba mill-GTA, allura l-vjaggi ma jsirux. Il-ħinijiet tal-vjaġġi huma fis-siegħa u nofs u fit-tlieta u nofs ta' filgħodu mill-Imġarr u fis-sagħtejn u fl-erbgħa ta' filgħodu miċ-Ċirkewwa.

## *Wirja ta' Biedja u Snajja f'Santa Marija*



Din il-wirja annwali ttellgħet fil-Ġonna Pubbliċi *Villa Rundle* fir-Rabat Għawdex bejn l-14 u l-15 ta' Awissu. Din il-wirja ilha tiġi mtella' mill-1855. In-numru ta' esebiti din is-sena laħaq l-4500. Fosthom kien hemm bhejjem, tjur u għasafar, fniek, prodotti tar-raba' kif ukoll oħrajn marbuta ma' l-industrija u l-artiġġjanat Għawdxi. Il-Ministru għal Għawdex inawgurat din il-wirja organizzata mis-Soċjeta' Agrikola, Industrijali u Kulturali ta' Għawdex. Il-Ministru nawgurat ukoll uffiċċju amministrattiv ġdid tal-Kumitat Ezekuttiv tas-Soċjeta` Agrikola, Industrijali u Kulturali ta' Għawdex.

## *Wirja ta' Muturi u Vetturi tal-Militar fin-Nadur*

Il-*Military Vehicles* Klabb ta' Għawdex flimkien mal-Kunsill Lokali tan-Nadur organizzaw wirja ta' muturi u vetturi tal-militar fil-pjazzetta tan-Nadur is-Sibt 7 ta' Settembru bejn it-3.00 u s-6.00pm kif ukoll il-Ħadd 8 ta' Settembru l-ġurnata kollha. Din saret għall-ewwel darba f'Għawdex.

## *Jum il-Vitorja - Ċerimonja Ċivili ta' Tifkira*



Il-Kumitat Festi Nazzjonali fi ħdan il-Kunsill tal-Kultura Ministeru għal Għawdex organizza ċ-ċerimonja ta' Jum il-Vitorja is-Sibt 7 ta' Settembru filgħaxija. Iċ-ċerimonja kienet preseduta mill-Ministru għal Għawdex u nżammet fi Pjazza Indipendenza Victoria. Ħadet sehem ukoll il-banda tal-Forzi Armati.

## *Wirja tal-artist John Barbara fl-Għarb*

Fl-okkażjoni ta' Jum l-Għarb, il-Kunsill Lokali ta' din il-lokalita` tella' wirja ta' l-artist John Barbara. Diversi xogħlijiet ta' dan l-artist kienu esebiti. Din il-wirja ttellgħet fil-Museum tal-Folklor fl-Għarb bejn id-29 ta' Awissu u l-15 ta' Settembru.

## *Ġemellaġġi oħrajn dalwaqt: Għajnsielem - Tolfa...u Victoria-Palermo*

Tolfa, belt żgħira 'il barra mill-periferiji ta' Ruma hi nteressata li tingħaqad f'ġemelaġġ mar-raħal ta' Għajnsielem. B'dan ġie mgħarraf il-Kunsill Lokali mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali wara talba li din l-assoċjazzjoni għamlet lill-AICCRE. Sadanittant is-Sindku ta' Tolfa, Alessandro Battilocchio wassal stedina uffiċjali lis-sindku tal-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem sabiex dawn iż-żewġ lokalitajiet jingħaqdu flimkien. Il-Kunsill ta' Għajnsielem inkariga lis-segretarju s-Sur Dolindo Cassar biex jibda t-trattattivi mal-*Comune* ta' Tolfa dwar dan il-ġemelaġġ.

Sar magħruf ukoll li s-Sindku tal-*Comune* ta' Palermo, Avv. Diego Cammarata flimkien ma' sħabu l-kunsilliera aċċettaw li jsir ġemelaġġ bejnhom u bejn il-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Fil-viċin għandha ssir laqgħa bejn iż-żewġ partijiet fejn il-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria jżur il-belt ta' Palermo u l-*Comune* jiġi mistieden ġewwa Victoria biex ikun jista' jsir il-ftehim neċessarju. Għal dan il-għan, twaqqaf sotto-kumitat bil-għan li jiffaċilita l-proċess ta' ġemelaġġ bejn iż-żewġt ibliet.

## *Tax-Xagħra fid-Danimarka*



Disa' żgħażagħ mill-Futbol Klabb tax-Xagħra marru d-Danimarka bejn il-15 u l-24 ta' Ġunju mmexxija mil-*leader* Joe Cordina. Dawn iltaqgħu ma' żgħażagħ tal-lokal u oħrajn mill-Italja, Franza u s-Slovenja. Dawn iż-żgħażagħ kellhom l-opportunita` jaqsmu flimkien informazzjoni dwar kif huma jħarsu lejn l-Ewropa u permezz ta' attivitajiet jitgħallmu aktar dwar il-kulturi ta' xulxin. Huma qasmu wkoll l-esperjenzi sportivi tagħhom u ttrenjaw flimkien l-futbol u l-*basketball*. Kien hemm l-okkażjoni wkoll fejn iż-żgħażagħ Għawdxin ppreparaw ikel tipiku Malti għal sħabhom.

Skambju ieħor seħħ bejn id-19 u d-29 ta' Lulju ġewwa *Hoogwoud* l-Olanda. Ħmistax-il żagħżugħ u żagħżugħa mill-Fondazzjoni Oasi ħadu sehem f'dan l-iskambju u kellhom ċans jiltaqgħu ma' żgħażagħ oħrajn minn Latvia, Ingilterra, Greċja u mill-Olanda.



## *Festival Kulturali "Citadella 2002"*



Il-Festival *Cittadella 2002 – Gozo Arts Festival* sar bejn il-Ħadd l-1 u l-Ħadd 8 ta' Settembru. Dan kien organizzat mill-Kunsill tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Il-programm kien jinkludi attivitajiet li ġew organiżżati filgħodu, oħrajn wara nofsinhar u attivitajiet oħra għal filgħaxija kif ukoll taħdidiet u diskussjonijiet u wirjiet differenti li lkoll ittellgħu ġos-swar taċ-Ċittadella. Ta' min isemmi li waqt dan il-festival il-midalja prestiġjuża tal-*George Cross* kienet għall-wiri hawn Għawdex fid-daħla tal-bini tal-Qorti ta' Għawdex fiċ-Ċittadella.

## *SkolaSajf 2002*



Għal darba oħra fl-iskejjel ta' Għawdex fix-xhur tas-Sajf ġiet organiżżata bħas-snin ta' qabel SkolaSajf fi tlettax-il ċentru. Madwar tliet mitt tifel u tifla mill-iskejjel statali u tal-knisja pparteċipaw fi Skola Sajf. Madwar 56 student universitarju u 25 kap, assistant kap u għalliema kienu ko-ordinaturi fl-iskejjel. Din is-sena SkolaSajf kienet miftuħa għal tmien ġimgħat. Bdiet fil-15 ta' lulju u għalqet fl-10 ta' Settembru, ftit jiem qabel il-ftuħ tas-sena skolastika l-ġdida. Il-Ministru għal Għawdex żaret SkolaSajf fit-22 ta' Awissu.

## *Riflessi Sajfin 2002*



Fis-17 ta' Awissu sar dan l-avveniment imtella' mill-Fondazzjoni OASI. Dan il-kunċert ta' talent Malti u Għawdxi ttella' fil-Menqa f'Marsalforn u dam madwar erba' sigħat. Kien ippreżentat minn Peppi Azzopardi megħjun minn Valerie Vella u Gracelee Spiteri. Dan il-kunċert isir biex joħroġ il-messaġġ li l-ħajja hija sabieħa mingħajr droga u anqas alkoħol. Ta' min iżid li l-OASI nediet il-*website* tagħha t-Tlieta 20 ta' Awissu fuq *HYPERLINK http://www.oasi.org.mt www.oasi.org.mt* b'tagħrif utli dwar ħidmet din il-fondazzjoni għawdxija.

## *Tail Lift Van għal Għawdex mill-Fondazzjoni Dorthese Ellis*






Il-Ħadd 4 ta' Marzu giet inawgurata uffiċċjalment il-Fondazzjoni Dorthese Ellis. L-għan ewlieni huwa li tipprovdi fondi għall-proviżjoni u t-titjib tal-kura tal-pazjenti fl-Isptar ta' Għawdex specjalment dawk li jbatu mill-mard tal-kliewi. Nhar is-Sibt 24 ta' Awissu il-Fondazzjoni ppreżentat *Tail Lift Van* lill-Ministeru għal Għawdex biex tintuża mill-pazjenti fil-ġarr tagħhom speċjalment lejn u lura mill-isptar għall-kura. Iċ-ċerimonja ta' l-għoti tal-van saret fi Pjazza San Franġisk waqt serata li ġiet organiżżata għal dan il-għan. Saru diskorsi minn Dr. Anton Grech M.D. President tal-Fondazzjoni u mill-Ministru għal Għawdex. Wara sar l-iffirmar tal-kuntratt tal-għotja u Patri Michael Attard tal-Patrijiet Konventwali bierek il-vettura. Wara tkompliet serata bis-sehem ta' mudelli, kantanti u żeffiena.

## *L-Għaxar Anniversarju*




Dan l-anniversarju fakkar it-twaqqif ta' l-Universita` ta' Malta fergħa ta' Għawdex għaxar snin ilu. Il-Ġimgħa 23 ta' Awissu saret lejla ta' drama u s-Sibt 24 ta' Awissu quddiesa kif ukoll lejla ta' kant klassiku.

## *It-Temp f'Għawdex fuq l-Internet*

Joe Meilak, Għawdxi min-Nadur għadu kemm nieda l-*website* tiegħu *HYPERLINK http:// www.gozoweather.com* li taġġorna lil kull min iżur il-*website* bi bdil fit-temp. Joe Meilak ilu jżomm rendikont tat-temp lokali sa minn April 1975. Kull ħmistax-il minuta jsir aġġornament tat-temp u dan isir erbgħa u għoxrin siegħa kuljum. Issib ukoll previżjoni ta' kif ser ikun il-baħar għat-tlitt ijiem li jkunu ġejjin, kif ukoll arkivju tar-rapporti tat-temp.

## *Wirja "Fifty Years of Splendour" b'ġieħ lejn ir-Reġina Eliżabetta II*

L-Erbgħa 11 ta' Settembru f'nofsinhar ġiet inawgurata uffiċjalment wirja bit-titlu *Fifty Years of Splendour*. Wieħed seta' jara kollezzjoni ta' kotba fuq il-familja rjali Ingliża u ittri tal-membri. Din inżammet fis-sala ta' l-esebizzjonijiet, Victoria, fl-okkażjoni tal-ħamsin anniversarju minn meta r-Reġina Eliżabbetta II telgħet fuq it-tron.

Għawdex 300 sena ilu
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali -108
Arkivju Nazzjonali Għawdex
Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2002

# IS-SURMAST DUN ONORAT

Id-dokument numru mija u tmienja li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar ħlas li sar mit-teżorier ta' l-Universitas lis-surmast ta' l-iskola tagħha nhar il-31 ta' Awissu, 1702, tliet mit sena ilu. Il-ħlas jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-Acta ta' l-Universitas ta' Għawdex l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1701–1702), folju 32r (NAG, UG, Acta, 9/1701–1702, f. 32r).

Din li ġejja hi t-traskrizzjoni ta' dan il-ħlas:

**Michele Agius, tesoriere di quest'Università del Gozzo, pagarete al sacerdote Don Onorato Guimondo, maestro di scuola, scudi dieci di moneta; se gli devono per suo salario di mesi quattro incominciato il primo maggio prossimo passato e finito oggi l'ultimo instante alla ragione di scudi trenta l'anno gli da dett'Università per suo trattenimento; di che tirando nostra cautela ponerete nei nostri conti, oggi li 31 et ultimo agosto 1702.**

L-iskola ta' l-Universitas imsemmija f'dan il-ħlas ġie li ssejħet ukoll l-iskola tal-Matriċi. Ir-raġuni ta' dan nafuha mill-vista appostolika magħmula Għawdex matul Frar 1575 minn Monsinjur Pietru Dusina, visitatur appostoliku. Fir-rapport li ħalla jgħarrafna li l-Knisja Matriċi ta' Għawdex kienet suppost toħroġ erbat ewieq, li jiġu għaxar skuti, 2.1 Ewro, għaż-żamma ta' din l-iskola.

Mill-istess rapport nafu li fl-1575, l-Universitas kienet qegħda toħroġ ħames skuti oħra. B'dawn il-ħmistax-il skut seta' jitħallas s-surmast ta' l-iskola għall-sena sħiħa. Il-Visitatur Dusina sab li, dik il-ħabta, il-knisja ma kinitx qegħdha tagħmel din l-għotja. U ordna li dawn il-flus jibdew jintefqu minnufih għal l-iskopp li għalihom kienu tħallew. Hekk l-iskola setgħet terġa tieħu r-ruħ. Dan jikkonferma l-qedem ta' din l-iskola u r-raġuni għaliex minn żmien għal żmien issejħet ismijiet differenti.

Fl-iskola kien isir it-tagħlim tal-Grammatka u tax-Xjenzi Umanistiċi. Il-knisja kienet qiegħdha toħroġ żewġ terzi ta' l-ispiża għaż-żamma ta' l-iskola għaliex l-iskola kienet isservi biex fiha jiġi mgħallma l-kjerċi li jkunu se jsiru qassisin.

Mill-1575 sa l-1702, għaddew 127 sena. Mid-dokument ta' fuq nafu li l-paga kienet irduppjat; minn ħmistax-il skut fis-sena (3.15 Ewro), is-surmast beda jitħallas tletin skut (6.30 Ewro). Nafu wkoll li l-paga kienet titħallas għaxar skuti kull erba' xhur. Il-ħlas ta' fuq hu tax-xhur minn Mejju sa Awissu 1702.

Tliet mit sena ilu, is-surmast ta' din l-iskola kien Dun Onorato Guimondo nepputi ta' Fra Ġakbu Selon, li kien l-għalliem ta' l-iskola bejn is-sena 1665 u s-sena 1674, meta probbabli laħaq Dun Onorato.






## Il-bdiewa għawdxin grati

Il-bdiewa għawdxin laqgħu bil-ferħ il-wegħda li għamel il-gvern li jagħti aktar għajnuna lil dawk li jkabbru d-dwieli. Il-wegħda tikkonsisti f'dawk il-bdiewa li minn Jannar ta' din is-sena bdew ikabbru d-dwieli, ser jingħataw għotja ta' Lm450 għal kull tomna raba' li fiha jħawlu jew se jħawlu d-dwieli b'sistemi moderni. Barra dan ser ikun hemm għajnuna oħra ta' Lm45 fis-sena għal kull tomna dwieli lil dawk il-bdiewa li jkollhom l-għeneb kemm għall-mejda kif ukoll għall-għasir.

Il-gvern hu determinat li jiżviluppa l-qasam tal-vinikultura fil-gżejjer tagħna. Irid li minn 2880 tomna raba' li hawn bid-dwieli fil-preżent, naslu biex ikollna 9000 tomna raba li jkunu vinji. Għal dan il-għan il-gvern qed jalloka madwar Lm7 miljuni mis-somma ta' Lm70 miljun li huma ddestinati għall-agrikoltura.

Il-gvern għamel ukoll arranġament ma' l-*APS Bank* fejn l-istess gvern iħallas l-interessi fuq self sa Lm12 000, li l-bdiewa jagħmlu biex jiżviluppaw il-vinji tagħhom.

## *Camping Areas* f'Għawdex

Ma nafx kif l-ebda wieħed mill-Kunsilli Lokali t'Għawdex, speċjalment dawk li fil-lokal tagħhom għandhom il-kosta u art xagħri ma ġietu f'moħħu li jatrezza faċilitajiet biex isir *camping site* u/ jew *caravan site*. Jien ċert li kieku jkollna siti bħal dawn, it-turiżmu ntern f'Għawdex ikompli jiżdied, l-aktar matul ix-xhur tas-sajf. Barra li jista jkun hemm gwadann għal dak il-kunsill partikulari li jorganizza dawn il-faċilitajiet, Għawdex kollu jgawdi minn intrapriża bħal din. Nixtieq b'mod partikulari nindirizza din il-proposta tiegħi lil Kunsill taż-Żebbuġ biex jikkunsidra *camping site* fix-xagħri ta' ħdejn il-Qbajjar u x-Xwejni, u lill-Kunsill ta' San Lawrenz biex jistudja l-istess possibilita` fix-xagħri ta' ħdejn id-Dwejra.

## Veru li l-Għawdxin jaħlu daqshekk ikel?

Dan l-aħħar l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika (N.S.O.) għamel *survey* fuq popolazzjoni ta' 1500 dar (*household*) dwar il-fdalijiet ta' l-ikel li jħallu warajhom il-maltin u l-għawdxin . Tabilħaqq ikolli ngħid, li lilna l-Għawdxin ir-riżultat ma jagħmlilna ebda unur. F'dan l-istħarriġ instab li fil-gżira tagħna 61 fil-mija tal-kontenut tal-*garbage bags* ikun fdalijiet ta' ikel. Missirijietna u l-antenati tagħna kienu aktar għaqlin. Il-fdalijiet ta' l-ikel kollu kien jiġi riċiklat bħala għalf għall-annimali, u tista tgħid ma kien jintrema xejn. Mhux qed ngħid li għandna nkunu bħal ċerti nħawi fil-Brażil fejn anke l-qxur tal-bajd jinġabar, jintaħan u jittiekel bħala sors ta' *calcium*. Imma, għall-anqas, ikel bħal ħobż niexef u fdalijiet tal-ħxejjex tal-borma, għandhom jiġu salvati milli jmorru maż-żibel u jingħataw lil xi produtturi ta' l-annimali. Naturalment biex issir din il-ħaġa, il-mara tad-dar trid tidra tissepara l-iskart tad-dar tagħha u tinħoloq sistema fuq bażi ta' kunsilli li dan l-iskart organiku jinġabar għalih u bi ftit flus jinbiegħ lil min irabbi l-annimali.

## In-nies tal-Knisja għandhom dellhom tqil

Tabilħaqq, kif jgħidu, li l-qassisin u r-reliġjużi għandhom dellhom tqil! Dan l-aħħar erġajna assistejna għal aktar tperriċ fil-beraħ minn ċerta sezzjoni tal-*media* maltija dwar xi atti ta' "dixxiplina esaġerata" li 'forsi' setgħu twettqu minn xi soru f'Istitut hawn Għawdex. Niskanta kemm kienu ħfief xi ġurnalisti biex ixandru ma' l-erba' t'irjieħ ta' Malta (u jekk jista jkun mad-dinja kollha permezz ta' l-*internet*) xi żbalji ta' xi membru ta' xi ordni reliġjuż. Ħafna drabi dan it-tperriċ isir qabel ma jkun ippronunzjat ir-riżultat ta' xi inkjesta li tkun qiegħda ssir. Dik ħerqa li juru dawn il-ġurnalisti (kważi dejjem l-istess nies) biex iċappsu bl-iswed il-Knisja lokali! Donnhom jieħdu pjaċir li ġraw dawn l-affarijiet biex jistgħu jumiljaw il-Knisja!

## Id-Diviżjoni ta' l-Ispettorat

Naqbel ħafna mad-direttiva ta' l-Unjoni Ħaddiema Magħqudin li l-ispetturi li jiċċekjaw jekk il-ħaddiema Għawdxin li hemm impjegati mal-gvern ikun ta' grad għola mill-istess ħaddiema li jkunu qed jiġu spezzjonati. Mhix ħaġa sewwa li ħaddiem ta' grad inferjuri jmur jispezzjona u jiċċekkja u saħansitra jagħmel *charge* lil persuna ta' gradsuperjuri. Il-bord ta' l-Ispettorat irid dejjem igawdiċerta dinjita` u serjeta`. Il-fatt li spetturi ta' grbaxx jiċċekjaw ħaddiema ta' grad superjurijgħinx biex dawn l-ispetturi jkunu mezz ta' dixxiplina adegwata. Haġ'oħra ... dawn l-ispetturi jridu jkunu

magħżulin b'għaqal kbir. Iridu jkun nies li dejjem kienu lejali lejn id-dmirijiet tagħhom u jżommu 'l bogħod minn kwalunkwe dell ta' korruzzjoni jew preferenzi. Jien nawgura li dan l-uffiċċju l-ġdid ta' l-Ispettorat f'Għawdex jgħin biex bil-mod il-mod titneħħa l-fama ħażina li għandhom il-ħaddiema tal-gvern f'Għawdex li fosthom hemm min jiskarta, jitgħażżen u ma jaqdix dmiru sewwa.

## Dawk it-toqob!

Kull sena qed jiġri li wara l-festi li jiġu ċċelebrati fil-belt Victoria, il-ħofor li fihom ikunu mħawla l-antaljoli u l-arbli li jintużaw għat-tiżjin u għall-logħob tan-nar ta' l-art, idumu ma jimtlew jew jitgħattew. Kull tant dawn il-ħofor jimtlew bil-*crusher* li wara ftit jintrass u jinżel u jħalli spazju mhux mimli fil-ħofra. Dawn il-ħofor qed ikunu ta' periklu għall-pedestrijani. Jien qed nikteb dan l-ilment, għax b'għajnejja stess, rajt waħda frustiera li weħlitilha t-takkuna f'waħda minn dawn il-ħofor; din it-turista waqgħet fl-art u l-*video camera* li kellha nqasmet fi tnejn. Aħna l-għawdxin forsi drajniehom dawn il-ħofor u nagħmlu mezz li nevitawhom, imma t-turisti li jiġu jżuru l-belt tagħna ma jkunux ippreparati għal dawn in-'nasbiet'.Mhux aħjar dawn il-ħofor ifittxu jimtlew sewwa jew jitgħattew qabel ma xi ħadd isofri xi ksur, konsegwenza ta' dan ix-xkiel, u jiftaħ kawża għad-danni li tista' twassal għal xi multa ta' eluf ta' liri li titħallas minn dawk responsabbli?!

## Hondoq ir-Rummien: żvilupp jew qerda ?!

Dan l-aħħar saret proposta ta' proġett ta' żvilupp imsejjaħ *Qala Creek*, fl-inħawi tal-bajja ta' Hondoq ir-Rummien. Din il-proposta saret mill-*Gozo Prestige Holidays* flimkien mal-*Bencini and Associates*. Fl-laqgħa pubblika li saret nhar it-Tlieta 10 ta' Settembru 2002, tressqu diversi oġġezzjonijiet għall-proġett kif ppreżentat. Kienu ħafna dawk li urew il-biża' tagħhom li dan il-proġett jista jwassal għall-qerda tal-bajja ta' Hondoq ir-Rummien. Aħna nistiednu lill-qarrejja ta' din ir-rivista biex jibgħatulna l-fehmiet tagħhom dwar dan il-proġett u mbagħad nistgħu noħolqu *forum* dwar dan is-suġġett. Għaldaqstant l-editur jirriserva d-dritt li jedittja opinjonijiet jew fehmiet espressi bil-għan li jinżamm djalogu ċiviku dwar dan is-suġġett. Bħala kontribuzzjoni għal dan il-*forum* nipproponu artiklu li kiteb Dun Anton Sultana fil-*Ġens* tas-Sibt, 14 ta' Settembru 2002, fejn fost kummenti oħra jagħmel seba' mistoqsijiet:

*1. Dan il-proġett huwa ispirat mill-kilba għall-flus jew mill-imħabba lejn il-wirt naturali uniku fil-karattru t'Għawdex tagħna?*

*2. Dan il-proġett jaqbel 100% ma' dak li ġie propost għal Hondoq ir-Rummien fil-pjan li ħareġ għal Għawdex u Kemmuna mill-Awtorita tal-Ambjent u Ippjanar (MEPA) dan l-aħħar? Fejn jidhru l-75% ta' siġar li għandhom jimlew il-barriera skond dan il-pjan tal-MEPA?*

*3. X'karatteristika Għawdxija tista' titqabbel f'dan l-iżvilupp ma' dik ta' Positano jew Capri fl-Italja? Il-kosta naturali ta' dawn hija l-istess bħal ta' Hondoq ir-Rummien?*

*4.Għaliex ser jitkompla jitqatta' l-blat tal-barriera, kważi id-doppju ta' dak li tqatta s'issa, biex f'ħofra immensa jidħlu lukanda 5 star ta' 200 sodda, 60 appartament u yacht marina li tilqa' fiha mal-150 jott? Jista Hondoq ir-Rummien jiflaħ għal dan kollu biex jinżamm kwiet u nadif, post ta' serħan u rikreazzjoni għall-eluf kbar ta' Għawdxin li tant jagħmlu użu minnu fis-Sajf?*

*5. X'garanzija jista' jkun hemm li x-xtajta tibqa' nadifa għall-għawm biż-żjut u l-ħmieġ ieħor li jħallu l-jottijiet? Jew ser tintilef xtajta oħra sabiħa bħalma ntilfu ż-Żewwieqa u l-Fawwara biswit il-port tal-Imġarr?*

*6. U l-poplu tal-Qala x'garanzija jista' jkollu li jkompli jgawdi mhux biss ix-xtajta ta' Hondoq imma ukoll il-kwiet magħruf tar-raħal, meħlus mill-istorbju tat-traffiku li jgħaddi minn ġo nofsu, id-doppju ta' li huwa llum, qabel u wara li jitlesta l-proġett?*

*7. X'se jiġri jekk l-opinjoni pubblika speċjalment dik tal-Qalin, turi ċar li fil-maġġoranza tagħha hija kontra dan il-proġett? Jieqaf kollox? Isir bdil sostanzjali? Jew ser ikollna diżastru ieħor bħal dak ta' Forti Chambray?*

Xieraq li dawn il-mistoqsijiet u oħrajn li jistgħu ikollhom l-Għawdxin jiġu mwieġba b'mod ċar u sħiħ.






L-INTERVISTA

# Għaxar snin ta' ħidma mit-twaqqif tal-LUMEN CHRISTI MEDIA CENTRE

## DUN EDDIE ZAMMIT, DIRETTUR, JIRRAPORTA:



Għaxar snin ilu, preċiżament nhar it-22 ta' Settembru tas-sena 1992, Mons. Isqof bierek u inawgura uffiċjalment il-bini tal-*Lumen Christi Media Centre*, iċ-ċentru tal-Komunikazzjoni Soċjali tad-Djoċesi t'Għawdex. Dan kien proġett ambizzjuz ħafna li Mons. Isqof ħass li għandna nidħlu għalih bħala djoċesi propju fil-bidu ta' millenju ġdid. L-inawgurazzjoni ta' dan iċ-ċentru ma kienx il-bidu tal-ħidma fil-kamp tal-komunikazzjoni min-naħa tad-djoċesi Għawdxija, pero` kien ċertament il-bidu ta' iktar koordinament u programazzjoni aħjar f'dan il-kamp tant importanti għall-evanġelizazzjoni fid-dinja tal-lum. Infatti, wieħed mill-għanijiet li għalih ġie imwaqqaf dan iċ-ċentru tal-*Media* kien li jikkordina l-inizjattivi eżistenti fil-qasam tal-*Media* Djoċesana u jipprova joħloq ukoll inizjattivi ġodda. Fost l-inizjattivi li kienu jeżistu 10 snin ilu kien hemm ir-Rivista Djoċesana, dak iż-żmien responsabbli għaliha kienu s-Seminaristi Għawdxin, kif ukoll id-Dar tal-Pubblikazzjoni Djoċesana *Lumen Christi*. Kemm ir-Rivista Djoċesana kif ukoll id-Dar tal-publikazzjoni saru fihom titjib, kemm f'dik li hi grafika kif ukoll f'dak li hu kontenut u attwalita`. Għan ieħor li għalih twaqqaf dan iċ-ċentru kien li jippromovi strumenti ta' formazzjoni reliġjuża permezz ta' kotba, *cassettes* u *videos*. Dan ix-xogħol illum qiegħed isir permezz tal-*Lumen Christi Bookshop* fi ħdan dan iċ-Ċentru. Barra minn hekk mat-twaqqif tal-*Media Centre*, bħala djoċesi Għawdxija, permezz tar-Radju R.T.K. bdejna ukoll nagħtu sehemna fix-xandir bir-radju.



Inizjalment, ftit xhur qabel l-inawgurazzjoni tal-*Lumen Christi Media Centre* l-Isqof sejjaħli biex nibda nieħu ħsieb il-koordinament tal-programmi li kellhom jixxandru minn Għawdex fuq ir-Radju Knisja, ir-Radju R.T.K. Dawn il-programmi kellhom jixxandru mill-*istudios* il-ġodda, li kellhom jintramaw fil-bini li kien għadu kemm



*Ġorġ Pollacco fl-istudios ta' l-RTK f'Għawdex*

tlesta tal-*Media Centre*. Ma kenitx xi biċċa xogħol faċli. Bil-għajnuna t'Alla wasalna biex inwettquha. Bdejna bix-xiri tal-apparat tal-*istudios* fejn sibna l-għajnuna siewja tas-Sur Ġorġ Pollacco li allura kien għadu qed jibda bħala kap tat-taqsima teknika tar-Radju R.T.K. Kien ukoll is-Sur Pollacco li ħa ħsieb li jarma l-apparat tar-reġistrazzjoni u xandir. L-apparat kważi nxtara kollu kemm hu mill-Ingilterra u ġie jiswa madwar Lm25,000. Il-ħidma prinċipali tiegħi l-iktar li kellha x'taqsam kien mas-settur tax-xandir tal-programmi fuq ir-Radju R.T.K, xandir li sab ħafna l-apprezzament tas-semmiegħa Għawdxin. Ċerti programmi li xxandru mill-*istudios* tal-*Lumen Christi* kienu programmi segwiti ħafna. Insemmi l-programm "Il-Kelma ta' l-Isqof" ta' l-Isqof Cauchi, il-programm "Nisimgħek" ta' Dun Ġorġ Bezzina, dak ta' Dun Anton Sultana "Teżori Klassiċi", id-diversi programmi li tella Fr. Effie Masini, il-programm "Għerfinu" ta' Lelio Spiteri u programmi oħrajn ta' mużika ħafifa. Xieraq li la rreferejt għas-saċerdoti li mexxew programmi nroddilhom ħajr minn qalbi tal-ħidma tagħhom mingħajr ħlas li taw fis-servizzi siewja tagħom. Ma konniex intellgħu dawk il-programmi kollha kienu m'armajniex ukoll librerija diskografika, speċjalizzata l-iktar fuq materjal ta' mużika klassika.

Minbarra l-ħidma fix-xandir bir-radju, iktar tard bħala direttur tal-*Lumen Christi Media Centre* flimkien ma' diversi kollaboraturi siewja u ġenerużi organizzajna l-qasam ta' l-istampa fosthom r-Rivista Djoċesana "Il-Ħajja f'Għawdex". Tajniha libsa ġdida u ppruvajna nagħmluha kemm jista' jkun attraenti bi kwalità ta' artikli ta' attwalità u anke bil-grafika li nużaw. Anke hawn nixtieq ngħid grazzi minn qalbi lil dawk il-kollaboraturi kollha tar-rivista li joffru volontarjament is-servizzi tagħhom kull xahar. Inħoss li mhux biss qed jagħtu servizz lill-Knisja Għawdxija imma ukoll lill-gżira tagħna ta' Għawdex. Ma kienx ikun possibbli li noħorġu rivista djoċesana ta' kull xahar kieku ma nvestejniex f'diversi kompjuters u materjal ieħor. Fi ħdan il-kumpless tal-*Media Centre* waqqafna ukoll l-uffiċċju tar-rivista biex jorganizza x-xogħol kollu marbut mal-produzzjoni u l-amministrazzjoni tagħha.

Ħidma oħra li organizzajna kienet il-ħidma tal-*Lumen Christi Publications* u t-twaqqif tal-*Bookshop*. Persuna li tista titkellem aħjar minni dwar dan, huwa Dun Anton Sultana li matul dawn l-aħħar seba' snin ta ħafna mill-enerġija tiegħu f'dan il-qasam.

Il-bini u t-twaqqif tal-*Lumen Christi Media Centre* kienet inizjattiva ta' l-Isqof Cauchi. Dan il-proġett sab l-approvazzjoni tiegħu f'kull stadju tat-twaqqif tiegħu. Ma kienx ikun possibbli li l-*Media Centre* tagħna jieħu dawk l-inizjattivi kollha fil-qasam tal-media tad-djoċesi li kieku ma kienx għall-investiment qawwi li l-Isqof Cauchi għamel f'dawk li huma finanzi kif ukoll riżorsi umani. Jalla dan il-proġett li tiegħu qegħdin niċċelebraw l-10 anniversarju ikompli jilħaq l-għanijiet li għalih twaqqaf, dak li jkun għodda siewja ta' evanġelizazzjoni bil-mezzi moderni ta' komunikazzjoni .




*Il-"Lumen Christi Bookshop"*



*Dun Mario Grech u Nazzareno Calleja flimkien mal-Isqof Cauchi f'Jum l-Inawgurazzjoni*

## DUN MARIO GRECH JIKKUMMENTA:

Lejn l-aħħar tas-snin tmenin u l-bidu tas-snin disgħin, fl-annali tad-djoċesi tagħna, insibu li kien hemm żewġ ġrajjiet importanti li jirriflettu kemm il-knisja lokali, taħt it-tmexxija tal-Isqof Cauchi, għarfet tapprezza l-valur tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali:

F'dawk is-snin, il-Knisja f'Għawdex kienet qed tiċċelebra t-Tieni Sinodu Djoċesan; u wieħed mill-għaxar dokumenti pastorali ta'dan is-Sinodu huwa dwar il-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali. Fl-istess epoka, id-djoċesi bdiet tibni ċentru djoċesan bil-għan li jkun ċentru ta' diffusjoni tat-tagħlim (permezz ta' pubblikazzjonijiet, mezzi audiovisivi, xandir, etċ) u ta'formazzjoni għal dawk involuti fil-qasam tal-media.

Dawn iż-żewġ ġrajjiet mhux biss intisġu flimkien imma jikkumplimentaw lil xulxin, għax filwaqt li fid-dokument pastorali tas-Sinodu wieħed isib prinċipji u linji ta'orjentament dwar l-użu tal-mezzi tal-kommunikazzjoni, bil-bini u l-attrezzament tal-*Media Centre* id-djoċesi qed tinqeda b'diversi mezzi biex twassal il-Bxara t-Tajba.



***It-tekniku tagħna Victor Attard waqt waħda mit-trasmissjonijiet tal-bidu fuq l-RTK***



Susan Mulvaney u l-poeta Ġorġ Pisani waqt intervista fuq l-RTK mill-istudios tagħna

Dak iż-żmien jien kont responsabbli mis-Segretarjat għall-Mezzi tal-Kommunikazzjoni Soċjali fil-Kurja. L-Isqof kien qabbadni nipprepara l-ewwel *draft* tad-dokument pastorali li semmejt aktar 'l fuq. Flimkien mal-membri tal-Kummissjoni fi ħdan dan is-Segretarjat li kienet tiltaqa taħt il-presidenza ta' Mons Isqof, ħdimna kemm fuq dan id-*draft*, li mbagħad kien diskuss, emendat u approvat mill-assemblea sinodali, kif ukoll biex iċ-Ċentru tal-*Media* ikun ippjanat b'mod li jkun jaqdi l-għan li għalih kien ser jinbena. Infatti, niftakar li konna ikkonsultajna lill-Prof. Rev. Saviour Chircop, espert fil-qasam tal-media, dwar it-tqassim tal-bini taċ-Ċentru. Biex nagħti ezempju, nista ngħid li aktar minn għaxar snin ilu, konna ħsibna li minbarra struttura għal trasmissjonijiet bir-radju, ippjanajna li fis-sular ta' fuq ikun hemm struttura għax-xandir bit-televisjoni! Billi dik il-ħabta, f'Malta kienu qed isiru t-tħejjijiet biex jibda jxandar l-RTK, konna ltqajna ma' tekniċi mir-*Radio Vaticana* li għinuna bil-pariri tagħhom kif nibnu *recording studio*.

Meta llum inħares lura u nara kemm ħidma siewja qed jagħmel il-*Lumen Christi Media Centre*, inħoss sodisfazzjon li kont b'xi mod involut f'din l-esperjenza.



# Kwart ta' Miljun Ktieb fi 30 Sena

*Riċerka ta' DUN ANTON SULTANA, Pubblikatur L.C.P.*

Il-qasam tal-ħruġ ta' kotba mid-dar editorjali għawdxija "*Lumen Christi*" kellu bidu sempliċi u moderat ħafna. Meta l-Isqof Cauchi waqqaf din l-inizjattiva djoċesana fl-1972, ma naħsibx li qatt bassar jew ħolom li fi żmien tletin sena kellhom jiġu ppubblikati mal-150 ktieb b'titli jew suġġetti differenti, li flimkien jammontaw għal aktar minn 250,000 kopja stampata u mqassma ma' Malta u Għawdex! Kemm ġid seta' ħareġ minn dawn il-kotba tal-"*Lumen Christi*", Alla biss jaf!























### L-EWWEL SUĊĊESSI

Għidt li l-bidu kien sempliċi u forsi wkoll diffiċli f'soċjetà għawdxija limitata fil-popolazzjoni u fl-imħabba għall-qari. Ftit *pamphlets*, *leaflets*, u libretti żgħar, b'tiratura ta' ftit mijiet ta' kopji, kien jidher li jkun sforz sodisfaċenti biżżejjed għaċ-ċokon ta' gżiritna. Imma l-poplu wera interess mhux mistenni; kien hawn għatx kbir għal kotba reliġjużi. Ħafna minn dawk il-*leaflets* u libretti tal-bidu m'għadekx issibhom, jekk mhux fil-libreriji ta' xi kolletturi, saċerdoti, jew dilettanti tal-"*melitensia*". Kotba żgħar taskabbli (illum insejħulhom '*pocket prayer books*') li ħarġu fl-ewwel ħames snin, bħal "*Nitkellem ma' Ġesù*" (1972), "*Qima lil San Ġużepp*" (1973), u "*Qalb ta' Ġesù ismagħna*" (1975), ma ssibhomx b'nemes! Libretti jew *pamphlets* ta' edukazzjoni jew formazzjoni reliġjuża, bħal "*Il-Films u l-Problemi Tagħhom*" (1973), "*Qalb Waħda ma' Alla*" (1976), u "*L-Apostolat tal-Katekist f'Pajjiżna*" (1973), ilhom ħafna eżawriti.



Suċċess kbir fl-ewwel sena tal-"*Lumen Christi Publications*" kien l-ewwel ktieb imdaqqas (16.5 x 24.5cm), b'197 paġna u 28 kapitlu, bis-suġġett: "*Tħejjija għall-Ħajja tax-Xogħol*" (1972) miktub minn Dun Mikiel Attard u Grupp ta' Katekisti mill-MUSEUM tan-Nadur. Dan il-ktieb, li ġie mxerred anke fost iż-żgħażagħ studenti ta' l-iskejjel sekondarji, kien qabeż l-elfejn kopja u ilu ħafna eżawrit. Kien awgurju sabiħ għall-futur ta' aktar kotba voluminużi li ġew aktar tard.







Impossibbli nsemmu l-kotba kollha li ħarġu matul dawn it-tletin sena tal-"*Lumen Christi Publications*". Ħafna minn dawk ippubblikati fl-ewwel għaxar snin (1972-1982) huma eżawriti. Oħrajn reġgħu ġew stampati għat-tieni u t-tielet darba, speċjalment il-kotba żgħar tat-talb fis-sensiela ferm popolari "*Ejjew Nitolbu*". Kotba oħra ta' formazzjoni kateketika u biblika, bħal "*Il-Quddiesa Mfissra*" (1985) ta' Mons. Isqof N. Cauchi u "*L-Aħħar Ġimgħa ta' Ġesù*" (1983) ħarġet anke t-tielet edizzjoni tagħhom minħabba d-domanda kontinwa għalihom.

### 130 KTIEB DIFFERENTI

Fl-aħħar għoxrin sena (1982-2002) il-"*Lumen Christi Publications*" għamlet qabża kbira fil-kwantità u fid-diversità ta' suġġetti reliġjużi, b'total ta' 92 titlu ġdid, bejn kotba żgħar tat-talb (13-il wieħed differenti fis-sensiela "*Ejjew Nitolbu*"), kotba ta' katekeżi għaż-żgħar u għall-kbar (madwar 12 differenti), kotba ta' kultura biblika jew formazzjoni liturġika, u kotba oħra ta' spiritwalità, letteratura, storja, drama, tagħlim soċjali, u l-bqija, kollha miktuba minn lenti reliġjuża u bil-pinna ta' diversi awturi rinomati. Fi kliem ieħor, illum




għandna menù varjat ta' suġġetti reliġjużi f'total ta' 130 ktieb differenti (li għadhom jistgħu jinkisbu) stampati f'eluf ta' kopji.

Mindu ħadt f'idejja l-pubblikazzjoni u distribuzzjoni tal-kotba tal-"*Lumen Christi*" f'Ġunju 1996, jiġifieri fl-aħħar sitt snin, żidna mhux biss il-kwantità imma wkoll il-kwalità, speċjalment fil-preżentazzjoni grafika, biex il-kotba ġodda jolqtu aktar l-għajn mill-qoxra ta' barra, u b'karta isbaħ, tipi aktar ċari, u bi stampi/ritratti attraenti li jakkumpanjaw it-test. Bdejna bil-famuż "*Imitazzjoni ta' Kristu*" (1996) u s'issa ħriġna 42 ktieb, medja ta' 7 kotba fis-sena, li jinkludu 12 'l edizzjoni *reprints* ta' kotba li kienu eżawriti.

Barra minn hekk, f'dawn l-aħħar ħames snin ftaħna l-bieb tagħna għad-distribuzzjoni ta' 40 ktieb ieħor ġdid li ġew ippubblikati minn persuni jew enti differenti, li talbuna mmexxu l-kotba tagħhom ma' tagħna. Ma' dawn inżidu wkoll il-*Messalini Ferjali*, sitt volumi b'total ta' 20,000 kopja, li ħarġu mill-Kummissjoni Liturġika ta' Għawdex, kif ukoll il-kotba kollha ta' l-*Edizzjoni TAU* tal-Franġiskani Minuri, li fdaw f'idejna x-xogħol tad-distribuzzjoni, total ta' 35 ktieb ieħor differenti x'noffru mal-130 tagħna.




## *L-AKTAR KOTBA POPOLARI*

Forsi ta' min jistaqsi: F'dawn it-tletin sena ta' stampa reliġjuża, liema kienu l-kotba tal-"*Lumen Christi Publications*" li l-aktar li nbiegħu? Ċertament, l-ewwel post jirbħu l-ktejjeb tat-talb "*Ejjew Nitolbu*", li bejn l-1978 u s-sena 2000 ħareġ fi 12 'l edizzjoni, b'tiratura totali ta' madwar 90,000 kopja. F'dawn l-aħħar ħames snin kellna nistampaw 10,000 kopja kull sena, u bilkemm inlaħħqu mad-domanda minn kull naħa ta' Malta u Għawdex. Tassew sar il-ktieb "nazzjonali" tat-talb bażiku popolari...




Fit-tieni post fost l-aktar popolari kurrenti għandna l-famuż Kempis, "*L-Imitazzjoni ta' Kristu*" (Edizzjoni Ġdida Riveduta, 1996), li qed jinbiegħ medja ta' 500 kopja fis-sena, aktar minn kopja kuljum minn bookshop jew ieħor f'Malta, barra dawk li jinbiegħu f'Għawdex. Bħall-Bibbja, dan il-ktieb famuż ma jgħaddi żmienu qatt!

Imbagħad jidħlu fit-tielet post id-diversi "*Messalini Ferjali*", sitt volumi differenti li bejniethom, bejn l-1997 u l-2001 (jiġifieri f'ħames snin), xterdu ma' Malta u Għawdex b'total ta' madwar 15,000 kopja (2,500 kull volum).

Din l-istatistika żgħira tfisser tletin sena ta' appostolat ta' stampa reliġjuża minn Għawdex (barra 57 sena tar-rivista djoċesana "*Il-Ħajja f'Għawdex*"), li fihom u matulhom ibbenefikaw *aktar minn kwart ta' miljun qarrej*! Suċċess sabiħ b'ħafna sagrifiċċji moħbija. Konsolazzjoni kbira għal Mons. Isqof Cauchi bħala fundatur tal-"*Lumen Christi*" u awtur ta' madwar 100 ktieb differenti, u għal dawk kollha (awturi, kollaboraturi, diretturi, stampaturi u distributuri) li taw sehemhom biex il-"*Lumen Christi Publications*" tagħti frott abbundanti u effiċjenti, tant li llum hija meqjusa bħala dar editriċi ewlenija tal-kotba reliġjużi f'pajjiżna.

## *INKOMPLU NAQDFU 'L QUDDIEM*

U l-futur? Misterjuż għal kollox u għal kulħadd, mhux anqas għalina li naħdmu f'dan il-qasam, meta qed naraw anqas nies li jaqraw u aktar awturi differenti li jixtiequ jippubblikaw, aktar kotba ġodda (madwar ktieb ġdid kuljum f'pajjiżna biss!) imma aktar nies quddiem it-televixin, il-kompjuter, u l-internet, milli bi ktieb f'idejhom. Madankollu, aħna fiduċjużi li, b'kotba aktar sempliċi u aktar attraenti fil-preżentazzjoni, nistgħu nkomplu naqdfu 'l quddiem skond il-kapaċitajiet, l-isforzi, u anke l-limiti tagħna. Bl-Ingliż, "*Do your best and God will do the rest*!", huwa s-slogan li jkompli jimbuttana biex ma naqtgħux qalbna.




Għalhekk il-programm tal-"*Lumen Christi Publications*" jitkompla b'medja ta' madwar 7 kotba ġodda fis-sena (dejjem jekk Alla jrid!) barra xi *reprints*. U biex infakkru dan it-30 anniversarju, fix-xhur li ġejjin ser noħorġu ħames kotba ġodda tassew interessanti: "*Katekiżmu għaċ-Ċkejknin*" ta' Fr Lawrence Lovasik S.V.D.; "*Il-Madonna fil-Misteru ta' Kristu u tal-Knisja*" ta' Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi; "*Il-Mara fil-Bibbja, fid-Dinja Antika u fil-Knisja*" ta' P. Guido Schembri ofm; "*Manwal tal-Letturi*" ta' P. Donat Spiteri ofm cap (it-tieni edizzjoni); u "*Daħla għall-Ħajja Devota*", il-ktieb klassiku famuż ta' San Franġisk De Sales, traduzzjoni ta' Angelo Xuereb.

Fl-aħħarnett, parir tajjeb lil min qed jaqra. Ktieb tajjeb huwa l-aqwa ħabib... ma titgħallimx aktar għax ma tridx! Dan is-*slogan* tagħna huwa appell ħerqan biex aktar nies f'pajjiżna jsibu ftit żmien kuljum biex jaqraw almenu żewġ kotba fis-sena.

Bit-televixin u l-internet biss, ma naslux għall-verita` sħiħa u ġenwina li fl-aħħar elfejn issawret f'miljuni ta' kotba tajba mindu nkitbu l-erba` vanġeli.

BOOKMARK

# "Għaliex...!!??"

## L-Ewwel Rumanz Għawdxi ta' Mons. Albert Curmi




*Dan l-aħħar kien ippublikat ir-rumanz ta' Monsinjur Albert Curmi "**Għaliex!!?**" Dan huwa t-tieni biċċa xogħol letterarja ta' l-awtur wara li kien ħareġ ġabra ta' essejs u poeżiji dwar il-bajja tax-Xlendi ta' l-Imgħoddi bl-isem ta' "**Ix-Xlendi ta' Ċkuniti**" Dan il-ktejjeb kien intlaqa tajjeb, u nispera li dan ir-rumanz jintgħoġob ukoll. Huwa rumanz ġdid "għawdxi".*

*Dwar dan jiena m'għandix dubju għax dan ir-rumanz fih l-ingredjenti kollha li jagħmluh rumanz tajjeb. Il-pinna ta' Mons. Curmi hija waħda mexxejja u skond is-sengħa tal-kitba. Il-malti użat huwa wieħed mirqum u l-istil letterarju mhux tqil biex taqrah. L-awtur kultant jagħmel użu minn kliem li llum qajla għadek tiltaqa' miegħu kemm fil-kitba u kemm fl-ilsien mitkellem. Tajjeb li l-awturi tal-lum jibqgħu jagħmlu użu minn dan it-tip ta' vokabolarju biex, kif qal tajjeb fid-daħla tal-ktieb il-Kav. Joe M. Attard, dan il-kliem ma jintesiex. L-idjoma maltija hija ukoll imħaddma spiss u dan ikompli jtejjeb il-malti użat f'dan il-ktieb.*

*Dan ir-rumanz pjuttost qasir huwa storja ta' imħabba u tradiment li żewġ żgħażagħ isibu ruħhom fiha ħtija taċ-ċirkustanzi u n-nies ta' madwarhom. L-istorja tisvolġi ruħha f'raħal għawdxi u r-rakkont li l-awtur joħloq ftit itik ċans titlaq il-ktieb minn idejk! L-awtur jagħtina kwadri ħelwin tal-ħajja ta' kuljum tar-raħal, flimkien ma' xi drawwiet li wieħed kien jiltaqa' magħhom fl-irħula tagħna. Barra l-protagonisti tal-istorja, il-persunaġġi l-oħra huma l-familjari tagħhom u ż-żewġ persuni l-iktar importanti f'raħal żgħir, jiġifieri l-kappillan u s-sensar. Ma jonqsux il-banda u l-festa tar-raħal, li jżejnu l-kwadru tipiku tar-raħal li l-awtur jipprova jpinġielna. L-awtur idaħħal ukoll żmien il-gwerra u jagħtina deskrizzjonijiet ta' dawn iż-żminijiet ta' għaks u tbatija.*

*Naħseb li l-awtur irnexxielu jagħtina biċċa xogħol letterarja tajba, minkejja li dan huwa l-ewwel rumanz tiegħu. Nisperaw li Monsinjur Albert Curmi jagħtina iktar xogħlijiet letterarji minn tiegħu, u jkompli jżejjen il-letteratura ghawdxija b'rumanzi stil għawdxi.*

*Ħaġa li nnutajt hija li wieħed ma tantx jiltaqa' ma żbalji ta' ortografija f'dan il-ktieb, grazzi għax-xogħol tajjeb li għamel il-Kav. Joe M. Attard fil-qari tal-provi tal-ktieb. Kull min iħobb il-lettaratura Maltija għandu jakkwista kopja ta' dan ir-rumanz, li jinbiegħ mingħand il-librara ewlenin għall-prezz ta' Lm 2.25c.*

***Dr. Mario Saliba, M.D.***

John Portelli Ent. Ltd.
IATA
ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!
7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 103, GOZO.
TEL: 56 12 12 - 56 12 13 FAX: 56 01 33
108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 10, MALTA.
TEL: 23 57 72 - 24 70 16 FAX: 24 75 36

*Fil-Ġurnata Missjunarja - Esperjenza ta' Missjunarju Għawdxi*

# IL-KNISJA TA' IQUITOS FIL-PERU` -KNISJA ŻAGĦŻUGĦA

Kien l-ewwel ta' Marzu tal-1901 meta waslu l-ewwel ħames missjunarji agostinjani f'din il-belt Amazonica ta' Iquitos. Għaddew mitt sena mit-twaqqif tal-*Vicariato Apostolico* ta' Iquitos u avolja għadna meqjusin "*ad gentes*" (art tal-missjoni), pero' hija Knisja li bil-mod il-mod qegħda tikber f'komunita` ta' nsara li jikkomprometttu ruħhom għat-twaqqif tas-saltna t'Alla.



Iquitos, b'estensjoni ta' eluf ta' kilometri maqsum fi 22 parroċċa taħt it-tmexxija ta' l-Isqof Spanjol Mons. Julian Garcia Centeno, flimkien ma' 15 il-saċerdot u numru sabiħ ta' reliġjużi, qegħdin nippruvaw inxerrdu l-Kelma t'Alla lil popolazzjoni ta' 700,000 ruħ. Għadna meqjusin Knisja Missjunarja għax hawn preżenza qawwija ta' saċerdoti missjunarji li ġejjin minn Spanja, Ingilterra, Polonja, Awstralja, l-Irlanda, kif ukoll Malta.

"Il-ħsad huwa kbir"- għandna parroċċi bla kappillan, u forsi l-aktar li huma abbandunati huma n-numru kbir ta' komunitajiet mifruxin matul ix-xmara tal-ġungla Amazonika. Xi uħud minn dawn il-komunitajiet huma nativi- il-biċċa kbira minsijin mill-awtoritajiet u huma ukoll għandhom dritt (forsi aktar minn oħrajn) li tixxandrilhom il-Bxara t-tajba. Pero' d-distanzi huma kbar, il-lingwa nativa tagħhom hija *"Barrera"*, il-mard tropikali huwa *"peligru"* u fuq kollox in-numru żgħir ta' missjunarji biex inlaħħqu mill-ġungla kollha, dan kollu jagħmilha diffiċli li tinbena knisja lokali hawn fil-Vikariato ta' Iquitos.

Minn xi ħames snin 'l hawn bdejna inizjattiva pastorali ġdida li sejjaħnilha "*neuva imagen de parroquia*", dehra ġdida ta' parroċċa. L-idea pastorali fundamentali għal dan il-programm pastorali hija li nibdew komunitajiet bażiċi ta' 20-25 familja, li b'mod regolari jiltaqgħu biex jaqsmu flimkien il-Kelma t'Alla fl-ispirtu ta' servizz lil xulxin. Fil-parroċċa tiegħi diġà ħloqna sitt żoni. F'kull żona hemm koordinatur. Dan il-grupp huwa responsabbli li jorganizza laqgħa ta' talb fil-ġimgħa fiż-żona fejn fiha jinsab, jiddirieġi l-funerali taż-żona tagħhom, iqarbnu lill-morda, jorganizza il-katekeżi, imexxu gruppi taż-żgħażagħ, jorganizzaw il-katekeżi tas-sagramenti, kif ukoll l-għajnuna soċjali li tingħabar bejniethom stess jew minn organizazzjonijiet oħrajn, etc. Aħna mbagħad niltaqgħu darba fil-ġimgħa flimkien bħala koordinaturi, u jien inqaddes darba fil-ġimgħa f'waħda mill-komunitajiet. Ma jkunx possibbli dan kollu kieku m'għandniex lajċi mpenjati tassew.

Wara mitt sena ta' ħidma mill-wasla tal-ewwel missjunarji fil-Peru`, issa jmiss lilna nkomplu b'mod ġdid il-proċess ta' evanġelizazzjoni, li dejjem iġġedded il-Knisja ta' Kristu mad-dinja kollha.

***Fr. Raymond Portelli***

Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.

# L-ILMA

Waqt li l-kapijiet tan-nazzjonijiet kienu qed jagħmlu Summit ġewwa Johannesburg fl-Afrika t'isfel, madwar 170 XJENZJAT iltaqgħu għal SEMINAR ġewwa Erice, Trapani (fi Sqallija) ippresedut mill-Professur Antonio Zichichi. L-aqwa mħuħ tal-Universitajiet mondjali affrontaw il-marda li qed tolqot id-dinja tallum.

Il-konklużjoni kienet waħda: ***il-problema ta' l-ILMA u ta' l-ARJA ser isiru gravi u insolubbli*** jekk id-dinja ma taffrontahomx bil-għaqal u tieħu azzjoni konkreta.

Ix-xjenzjati daqqew l-allarm:

**"L-ilma jinsab fi stat ta' emerġenza".**



## *L-ilma jagħti l-ħajja*

**L-ilma** jagħti l-ħobż.

**L-ilma** hu l-element l-aktar prezzjuż u indispensabbli, għall-bniedem, għall-annimali, għas-siġar u x-xtieli.

**L-ilma** hu bżonnjuż għall-muntanji u għall-baħar, għas-sema u għall-art.

**L-ilma** hu bżonnjuż għas-saħħa. Is-saħħa individwali u kollettiva tiddependi minn ilma nadif.

**L-ilma** hu bżonnjuż għall-ħobżna ta' kuljum, għall-użu tad-dar, tal-biedja, għall-industriji.

## L-ilma sar problema

## L-ilma hu "DRITT"

Madankollu sar problema

1 Wieħed min kull sitt bnedmin m'għandux ilma biżżejjed.
2 Kuljum imutu 6000 tfal minħabba imwiet ikkaġunati min-nuqqas ta' ilma nadif.
3 Mill-1950 sas-sena 2000, ir-riserva ta' l-ilma ras għal ras niżlet l-isfel minn 16.800 metru kubu għal 8.800 metru kubu.
4 Skond studju ta' l-UNEP, l-aġenzija tal-Ġnus Magħquda għall-ħarsien ta' l-ambjent, hemm tbassir li sas-sena 2032 **AKTAR MIN-NOFS IL-POPOLAZZJONI TAD-DINJA** tkun nieqsa mill-ilma jekk nibqgħu naħlu u nniġsu l-ilma.

*Għala dan l-istat ta' emerġenza dwar l-ilma?*
*Tweġiba: Alla għamel kollox sew, imma hu l-bniedem li jħassar il-pjanijiet t'Alla. Wara kull problema, hemm l-id tal-bniedem. Hekk per eżempju:*

Madwar nofs ix-xmajjar tad-dinja jinsabu f'kundizzjoni serja ta' tniġġiż. Fost il-fatturi l-oħrajn għala qed jinħela daqshekk ilma, hemm ukoll dawn li ġejjin.

Kibret il-popolazzjoni
Saret urbanizzazzjoni "selvaġġa"
minħabba t-tniġġiz ta' l-ilma mill-industriji
minħabba l-pestiċidi użati fl-agrikoltura.

L-aħħar żewġ fatturi jikkundannaw dannu kbir lix-xmajjar.



# FI STAT TA' EMERĠENZA



**L-Professur Andre` Beauchamp:**
Minn Quebec il-Kanada. M'għandux ikun hemm la min "jaħtaf" l-ilma u lanqas min "jaħli" l-ilma. Jekk ma jsir xejn, sas-sena 2025, ser ikun hemm miljard u mitejn miljun bniedem li jbati l-għatx.

**Il-Professur Parmiggiani:**
"Fil-futur l-ilma jista' jsir rari u prezzjuż kif inhu l-petrol illum. Jista' jkun li fil-futur jinbtu konflitti bejn in-nazzjonijiet biex jikkontrollaw dan il-ġid hekk essenzjali bħalma hu l-ilma."





Fil-fatt 40% tal-popolazzjoni mondjali li tiddependi minn sistema ta' xmajjar komuni li minnu jieħdu żewġ pajjiżi jew aktar. Ix-xjenzati taħt il-presidenza tal-**Professur Zichichi** jheġġu

***biex il-popli jkunu konxji mill-problemi tal-klima u ta' l-ilma.***

***Jiġi kkontrollat l-konsum u l-ħela.***

***U jsir impenn u investiment f'teknoloġija ġdida.***

## *Xi Rimedji:*

Ix-xjenzjati qablu:
*Għandu jiġi kkontrollat il-ħela,* Profs Beauchamp osserva. Fl-Amerika u l-Kanada kull persuna taħli kuljum 350 litru ilma. Fi bliet, kull persuna taħli 200 litru kuljum. F'pajjiżi foqra, għandu xorti ikollu 50 litru kuljum. Min jaħli illum, ibatih għada.

Ninvestu biex infittxu soluzzjoni alternattiva per eżempju *Reverse Osmosis* u impjanti li jneħħu l-melħ mill-ilma biex isir ilma li jista' jiġi użat.

Ghandu jkun hemm 2 sistemi separati.
Sistema ta' ilma ghax-xorb u ikel.
Sistema oħra għall-ħasil.
L-ilma għandu jiġi riċiklat għall-użu industrijali u għall-agrikoltura.
L-agrikoltura saret il-qasam fejn l-aktar jinħela ilma fid-dinja kollha.
Hu fundamentali li sal-2015 jitnaqqas b'80% il-volum ta' l-ilma li jintilef fil-gandotti. Hemm bżonn li jiġi kkonservat.

## Dmirna fil-Ħarsien tal-Ħolqien u ta' l-Ambjent

**Fejn jidħol pajjiżna stess, ir-responsabiltà taqa' kollha u għal kollox fuq spallejna. Aħna rridu nieħdu ħsieb biex ma jkollniex tinġis perikoluż. Irridu wkoll inħarsu l-arja li nirrespiraw l-art li nikkoltivaw u l-baħar li jdawwarna minn kull naħa.**

*L-Arċisqof Ġużeppi Mercieca,*
*L-Isqof Nikol Ġ. Cauchi*
Pastorali ta' S. Marija, 7 ta' Awissu 2002

# Qronfli

***FRESH & ARTIFICIAL FLOWER ARRANGEMENTS FOR ALL OCCASIONS***

**Specializing in: WEDDING BOUQUETS, CHURCH & RECEPTION DECORATIONS, FUNERAL WREATHS**

*Josephine Azzopardi*
*46, Mikiel Farrugia Street,*
*Xagħra, Gozo.*



*Orders may be made any time by telephone*
*Tel: 2155 2759*

# Imperial Eagle

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

## GREZZJU BONELLO

*Over 10 years of experience...*



***Water Proofing Services***

***for roofs, walls, under tiles and under counter roof***

*"GrezJos" Filfla Street,*
*Għajnsielem, Gozo*
***Tel: 21 557694***




hand painted souvenirs, personalised presents and cards, art gallery & courses

"MecMic" Cimcem Str, Nadur NDR 03, Gozo.
Tel: 356 2155 0544 - 2158 5570 Mob: 356 7961 7746
Web: www.sammuts.com
E-mail: set@sammuts.com

# Ta' Pawlu



**Bar & Restaurant**

*Tel:* 2155 8355
*Mob:* 9942 1536
*Fax:* 2156 4382

**4 Triq Manuel de Vilhena, Imgarr, Gozo, GSM 104.**

# Da Luigi's

***Restaurant & Wine Bar***

***For the finest food & best selection of wines***

**30 Manoel De Vilhena Street,**
**Mġarr - Gozo**

**Tel: 2155 8681 / 2156 1316**
**Fax: 2155 0122 Mob: 9988 8457**




### *Għajnuna mill-Papa*

Il-Papa alloka $950,000 għar-rifuġjati Afgani, vittmi tal-konflitt fil-Lvant Nofsani u nies li ħarbu mill-Iraq, kif ukoll kontribuzzjoni ta' $50,000 għal sptar fi *New York* għat-trattament mediku tal-vittmi tal-11 ta' Settembru. Il-Papa offra wkoll borża ta' studju lil tifel orfni tat-traġedja ta' Settembru, għalkemm il-Vatikan ma xtaqx jikxef l-identità tal-persuna.

Dawn is-somom huma parti minn fond imwaqqaf mill-Papa meta sejjaħ għal Jum ta' Sawm u Talb għall-Paċi, miżmum fl-14 ta' Settembru li għadda, wara l-attakki terroristiċi fl-Istati Uniti u l-azzjoni militari fl-Afganistan. Il-Kunsill Pontifiċju *'Cor Unum'* li jmexxi dan il-fond, li tela għal $1,719,360, ta rendikont dettaljat ta' kif intefqu l-fondi kif ukoll il-lista ta' għotjiet ta' karità mill-Papa tul is-sena li għaddiet.

Fost dan hemm għotja ta' $100,000 mogħtija f'Mejju lir-rifuġjati fl-Ażerbaijan, meta l-Papa żar il-pajjiż. Is-sena li għaddiet il-fond alloka fuq żewġ miljun dollaru: $1,209,700 ġew assenjati għal popli affettwali minn kalamitajiet naturali u gwerra, u $841,200 għall-iżvilupp integrali uman fost l-ifqar nies f'diversi pajjiżi. Per eżempju, $100,000 intbagħtu lil El Salvador u $100,000 lill-Indja għall-vittmi tat-terremot ta' Jannar 2001. F'Lulju li għadda, il-Peru` u l-Polonja rċevew $100,000 wara li sofrew it-terremot u l-għarar rispettivament.

### *L-akbar tmien uġigħat ir-ras tad-dinja*

Il-Papa jemmen li n-nazzjonijiet u l-mexxejja tagħhom għandhom jiffaċċjaw tmien sfidi jekk iridu li d-dinja ssir aktar ġusta. Semmiehom lill-ambaxxaturi tal-pajjiżi akkreditati mas-Santa Sede fl-10 ta' Jannar li għadda, u l-istampa għadha ssemmihom:
il-ħarsien tal-ħajja tal-bniedem; il-promozzjoni tal-familja; it-tneħħija tal-faqar; id-drittijiet tal-bniedem; id-diżarmament; mediċina għal kulħadd; il-konservazzjoni ta' l-ambjent;l-applikazzjoni tal-liġi u l-konvenzjonijiet internazzjonali.

### *Il-President ta' l-Iran interessat f'aktar djalogu*

Il-President ta' l-Iran Mohammad Khatami bagħat messaġġ lill-Papa Ġwanni Pawlu II fejn talbu biex jissaħħaħ id-djalogu fost ir-reliġjonijiet. Il-messaġġ ifittex ukoll rabtiet aktar mill-qrib bejn l-Iran u s-Santa Sede.

### *Il-Vigarju Ġenerali ta' Havana janalizza l-Knisja f'Kuba*

Skond il-Vigarju Mons. Carlos Manuel de Cespedes, il-Knisja Kattolika f'Kuba minn istituzzjoni fuq id-difensiva, tinsab issa fi stat ta' missjoni u qed tikber wara ż-żjara tal-Papa fl-1998. Dan qalu waqt konferenza ta' l-Università Complutense. Mons. De Cespedes ġie mistoqsi kif mill-ateiżmu militanti ta' l-ewwel snin tar-reġim ta' Fidel Castro, instab minn riċerkaturi fl-1994 u fl-1996 li 86% huma nies li għandhom twemmin. Il-Vigarju wieġeb li dan seħħ minħabba n-nuqqas ta' responsabiltà murija minn setturi importanti tas-soċjetà Kubana, li wasslet għal inkonsistenza f'materji reliġjużi, kulturali u politiċi.

Għandek xi tip ta' propjeta` għall–bejgħ: Farm Houses—Appartamenti—Plots u Raba'?
Jekk tixtieq tbiegħ xi propjeta`, asal wasla s'għandna jew ċempel lil J. Debrincat

**J. DEBRINCAT LIMITED**

*Pjazza San Frangisk Victoria - Gozo Tel 21553960 - 21560102 Fax 21560103*
*Email: jdmail@debrincat.com.mt www.debrincat.com.mt*

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (11)



# L-Eżistenza t'Alla fit-tradizzjoni Ġudeo-Kristjana

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

## 1. IT-TWEMMIN U L-FEHMIET DWAR L-EŻISTENZA TA' ALLA

Dwar Alla, mhux il-bnedmin kollha jaħsbuha l-istess, iżda hemm varjeta` kbira ta' opinjonijiet. Iżda l-atteġġjamenti jew it-twemmin tal-bnedmin dwar Alla, li kienu jew għadhom jeżistu f'kull żmien u f'kull art, nistgħu nikklassifikawhom fil-qosor, f'erba' sentenzi jew pożizzjonijiet dottrinali. Kull fehma jew twemmin dwar Alla jaqa' bilfors f'waħda jew oħra minn dawn il-kategoriji. Il-fehmiet ta' l-ewwel tliet kategoriji huma żbaljati; l-opinjoni ta l-aħħar kategorija biss hija korretta.

Xi wħud jgħidu li:

(i) Alla ma jeżiżtix jew ma huwa xejn. Dan hu l-ateiżmu li dwaru tkellem il-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni *Gaudium et Spes* (nri 19-21).

(ii) Alla huwa kollox, huwa kull ħaġa u jidentifika ruħu ma' dak kollu li jeżisti (Panteiżmu).

(iii) Alla m'hux konoxxibbli, jiġifieri ma nistgħux nagħrfuh bir-raġuni umana u ma għandniex argumenti filosofiċi jew xjentifiċi li bihom nistgħu nippruvaw l-eżistenza tiegħu (Anjostiċiżmu).

(iv) **Alla huwa spirtu suprem, l-ogħla esseri, huwa distint mill-ħolqien, u nistgħu niksbu tagħrif veru dwaru, għad li ma nistgħux nagħrfuh perfettament (Swami Shilananda S.J., "*The Truth will make you free*", paġna 67).**

Il-Lhud ta' żmien Kristu u ta' qablu, kienu jitolbu lil Alla u jqimuh, kienu jemmnu fil-preżenza tiegħu u fit-tiġrib tal-ħajja, kienu jittamaw fil-protezzjoni u fil-għajnuna tiegħu. Allura, għalihom l-ateiżmu, il-panteiżmu u l-anjostiċiżmu kienu pożizzjonijiet jew opinjonijiet assurdi, għaliex min jitlob lil Alla, jiftaħar bil-preżenza tiegħu u jittama minn għandu l-ħelsien, ma jistax ikun li ma jkollux xi ħjiel dwar Alla, ma jistax jiddubita mill-eżistenza tiegħu jew iqisu biss bħala kreatura bħal oħrajn jew jidentifikah u jagħmlu ħaġa waħda mal-kreaturi kollha meħudin flimkien. Min għandu dawn il-konvinzjonijiet, jeħtieġ li jaċċetta lil Alla, għall-inqas fil-prattika mhux biss bħala fantasija, ħolma jew sempliċi possibilita`, iżda bħal realta` eżistenti.

### Rivelazzjonijiet magħmula lill-Poplu Lhudi

Iżda barra mit-tradizzjonijiet millenarji tagħhom u r-reliġjożita` prattika li kellhom, il-Lhud irċivew ukoll ir-rivelazzjonijiet ta' Alla, li għamlilhom l-ewwelnett permezz tal-profeti li kien jibgħatilhom minn żmien għal żmien.

**Fir-Rabta l-Qadima, Alla rrivela lilu nnifsu, mhux biss permezz tal-profeti mibgħutin minnu, iżda wkoll permezz tal-ġrajjiet li twettqu matul l-istorja tal-Poplu tiegħu u li kellhom xi tifsira jew tagħlima għalihom.**

Din ir-rivelazzjoni ta' Alla saret gradwalment, jiġifieri mhux kollha f'daqqa, iżda bil-ftit il-ftit, Alla kompla jgħallem lill-poplu tiegħu. Il-ġrajja storika l-iktar importanti li kienet ukoll fl-istess ħin, sinjal mogħti minn Alla lill-Poplu tiegħu, kien il-patt li Hu kien għamel ma' Abraham, għaliex bis-saħħa ta' dan il-patt, Iżrael sar il-poplu speċjali ta' Alla (Ġen 17).

Fi żmien Kristu, il-Monoteiżmu, jew it-twemmin f'Alla wieħed, kien biex insejħulu hekk "ir-reliġjon nazzjonali" ta' Iżrael, li kienet imħaddna u pprattikata mil-Lhud kollha, għad li mhux kulħadd l-istess u b'mod ugwali. Kien hemm difatti differenzi mhux żgħar fost il-Lhud, kemm minħabba l-fervur ikbar



f'xi wħud u iċken f'oħrajn, kemm ukoll rigward il-mod kif kienu jistqarru minn barra t-twemmin tagħhom, u fuq kollox minħabba l-grad ogħla jew iktar baxx ta' l-istruzzjoni reliġjuża li seta' kellhom. Għalhekk, il-massa tal-poplu Lhudi mhux dejjem kellhom it-tagħrif u l-preċiżjoni li bihom setgħu jiftaħru l-*elite*` u dawk li kellom kultura ikbar.

L-ewwel artiklu tal-Kredu Iżraelita kien il-fidi f'Alla wieħed u uniku. Difatti, żewġ veritajiet fundamentali li Alla għallem lill-poplu tiegħu, kienu li **hemm Alla wieħed u wieħed biss u li dan Alla jinsab kullimkien u mhux unikament fit-tempju ta' Ġerusalemm.** Il-Lhud fehmu sewwa dawn iż-żewġ veritajiet, matul l-eżilju tagħhom f'Babilonja, fis-sitt seklu qabel Kristu. B'mod partikulari, it-tieni Iżaija iggwidahom sabiex fiż-żmien tal-prova jindmu minn ħtijiethom u jersqu lejn Alla, Salvatur tagħhom, li kellu għalihom pjan ta' salvazzjoni. Iżda Alla ma riedx isalvahom, jekk qabel xejn ma jirrikonoxxuhx bħala uniku Alla tagħhom.

Matul l-eżilju wkoll, Alla rrivela lil-Lhud l-imħabba tiegħu bħala Missier tal-poplu tiegħu, li lest li jaħfer lil Iżrael li dineb kontrih u jġibu lura lejħ. B'dan il-mod dehret ukoll il-ħniena infinita tiegħu.

Bil-mod il-mod, il-Lhud warrbu fil-ġenb l-idolatrija, li hi l-qima ta' l-allat foloz, u bdew jaċċettaw u jagħrfu 'l Alla personali, Sid ta' kollox u Missier, li jħobbhom u jieħu ħsiebhom bil-providenza tiegħu.



Kull filgħodu u kull filgħaxija, il-Lhud kellhom l-obbligu li jirreċitaw ix-"*Xema*`", talba magħmula minn tliet biċċiet tal-Pentatewku: (a) Dewt 6:4-9, (b) Dewt 11:13–21, (ċ) Num 15:37-46, li kellhom magħhom ukoll il-barkiet. Din it-talba kienet tfakkar fil-preċett il-kbir li huma jħobbu lil Alla fuq kollox: "**Isma, Iżrael, Jaħweh, Alla tagħna hu Alla l-waħdieni. Inti għandek tħobb lil Jaħweh, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, u b'saħħtek kollha**."

Meta wieħed mill-kittieba staqsa lil Ġesu` biex ikun jaf liema huwa l-ewwel wieħed fost kollha kemm huma l-kmandamenti, il-Feddej fakkru fil-preċett ta' l-adorazzjoni ta' Alla wieħed, billi kkwotalu t-test tal-Pentatewku: "Isma Iżrael..." (Mk 12:29-30). Wieġeb Ġesu`: "L-ewwel (kmandament) hu: "Isma, ja Iżrael! Il-Mulej, Alla tagħna, hu l-Mulej waħdu. Ħobb, mela, l-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'moħħok kollu u bil-qawwa tiegħek kollha." Dan it-twemmin f'Alla wieħed huwa l-bażi tar-Reliġjon Lhudija, l-ewwel waħda fiż-żmien, fost ir-reliġjonijiet monoteisti kollha.

Ġesu` fil-predikazzjoni tiegħu reġa' fakkar lis-semmiegħa f'dak it-tagħlim dwar Alla li l-poplu Lhudi bir-reliġjon monoteistika li kien jistqarr, kien diġa` mgħarraf biħ.

Il-poplu Lhudi ma kellux bżonn jidħol fl-irqaqat tal-provi dwar l-eżistenza ta' Alla għax kien konvint li Alla jeżisti, ladarba kien iħoss kontinwament il-preżenza u l-ħarsien tiegħu. Iżda fil-kotba tat-Testment il-Qadim, insibu ċanfira għal dawk li mill-kreaturi, ma waslux biex ikunu jafu li Alla jeżisti. Naqraw fil-ktieb tal-Għerf (13:1): "Tassew boloħ minn twelidhom, dawk kollha li ma għarfux 'l Alla, u mill-ħwejjeġ tajba li jidhru ma waslux biex jagħrfu lil Dak li hu." U fil-ktieb ta' Ġob (12:7-9): "Staqsi 'l bhejjem u jgħallmuk: lit-tjur ta' l-ajru u jgħidulek, staqsi lill-ħniex ta' l-art u jgħallmuk, u l-ħut tal-baħar ukoll jgħidlek. Min fost dawn kollha ma jafx li l-id ta' Alla għamlet kollox?"



Imma l-Knisja Kattolika, sa minn żminijiet bikrin, dejjem żammet li **barra mir-rivelazzjoni sopranaturali li biha Alla jgħallimna fuqu nnifsu u dan it-tagħlim naċċettawh permezz tal-fidi, hemm ukoll ir-raġuni tagħna li hija mezz ieħor biex insibu lil Alla, billi nitilqu mill-kreaturi tiegħu.** San Pawl (Rum 1:19-20) jgħidilna: "Għax dak li wieħed jista' jagħraf minn Alla kien, iva, irrivelat: Alla stess urihulhom. Il-kobor tiegħu li ma jidhirx, jiġifieri s-setgħa tiegħu ta' dejjem, u d-divinita` tiegħu, huma setgħu jagħrfuh sa mill-ħolqien tad-dinja, permezz tal-ħlejjaq, u għalhekk ma għandhom ebda skuża."

*(jissokta fil-ħarġa li jmiss)*

# IS-SAJF U Ż-ŻGĦAŻAGĦ
## Vaganzi, Baħar, Mistrieħ u... Volontarjat!

*Għal ħafna żmien is-sajf hu sinonimu ma' vaganzi, baħar u mistrieħ. Għal oħrajn is-sajf jagħtihom l-opportunità li jagħmlu xi safra. Għal numru sabiħ u dejjem jikber ta' żgħażagħ u persuni adulti, iż-żmien tas-sajf sar ifisser ukoll possibiltà ġdida li jgħaddu ġimgħa, ħmistax, xahar u forsi iżjed ukoll f'ħidma ta' servizz b'risq persuni oħrajn: il-volontarjat.*

*Dan is-sajf kienu diversi ż-żgħażagħ u l-adulti Għawdxin li qattgħu xi żmien f'ħidma ta' volontarjat barra minn xtutna. Kien hemm min għamel esperjenza ta' ħidma missjunarja; oħrajn wettqu ħidma ta' evanġelizzazzjoni; oħrajn taw daqqa t'id min f'xogħol manwali min f'ċentri għat-tfal jew għal persuni morda u anzjani.*

*Ma' dawn l-esperjenzi barra minn pajjiżna, wieħed ma jridx jinsa wkoll in-numru kbir ta' persuni li jwettqu ħidma ta' volontarjat f'pajjiżna, u n-numru kbir ta' żgħażagħ li jgħinu bla serħan fl-organizzazzjoni tal-festi tagħna. Dan kollu hu xhieda li għaż-żgħażagħ tagħna s-sajf ma jfissirx biss vaganzi, baħar u mistrieħ!*

### *Sorijiet ta' Mother Teresa (Napli): Awissu 2002*

Ħafna huma l-modi li bihom niddeċiedu li ngħaddu s-sjuf tagħna, u min jaf kemm indumu naħsbu biex matul il-vaganzi nagħmlu xi ħaġa speċjali. Nista' ngħid li għalija u għal erba' żgħażagħ oħra, li aċċettajna l-istedina tal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ biex nagħmlu esperjenza ta' volontarjat mas-sorijiet ta' Madre Tereża f'Napli, din ix-xi ħaġa speċjali mmaterjalizzat ruħha proprju f'din l-esperjenza.

Għat-Taljani l-famuż Ferragosto – bejn wieħed u ieħor l-ewwel ħmistax ta' Awissu – hu żmien "sagru" ta' vaganzi. Ħafna mill-ħwienet, fabbriki u postijiet oħra tax-xogħol jagħlqu u ħafna nies imorru jew il-baħar jew fuq il-muntanji biex iqattgħu l-btala tagħhom. Imma huwa veru wkoll li jkun hemm ħafna nies li minħabba l-faqar jew sitwazzjonijiet diffiċli oħra familjari ma jkunux jistgħu jieħdu l-familji tagħhom biex jistrieħu f'xi post sabiħ. Għalhekk is-sorijiet ta' Madre Tereża ġewwa Frullone, f'Napli jaħsbu biex jorganizzaw fid-dar tagħhom ħmistax-il ġurnata għat-tfal ta' dawn il-familji.

Il-ġurnata tagħna kienet tibda fit-tmienja ta' filgħodu, x'ħin l-għajat tat-tfal, li jkunu qed jaslu fil-post, jibda jinstema' sewwa. Aħna konna niġbruhom għat-talb ta' filgħodu, u flimkien ma' żgħażagħ voluntiera Taljani konna nkantaw u nilagħbu magħhom. Skond il-programm tal-ġurnata konna, imbagħad, jew neħduhom il-baħar jew ngħallmuhom jaħdmu xi *crafts* li konna ppreparajna fil-ġimgħat qabel morna Napli, bħal, per eżempju, presepju magħmul miċ-ċombini, *toys* tas-suf u affarijiet oħra li, filwaqt li jgħinu t-tfal jiżviluppaw aktar il-kreattività tagħhom, jgħinuhom ukoll irabbu aktar stima tagħhom infushom meta jaraw li bil-fantasija tagħhom u bix-xogħol ta' jdejhom kapaċi joħolqu oġġett ġdid.



It-tfal li magħhom ħdimna, bħal tfal oħra tad-dinja, kienu

mqarbin imma wħud minnhom kienu ġejjin minn sitwazzjonijiet diffiċli. Min hu ftit midħla tal-qagħda soċjali tan-naħa t'isfel ta' l-Italja jaf liema faqar u diffikultajiet soċjali jeżistu. U l-belt ta' Napli mhix nieqsa minn dawn. Hu proprju f'sitazzjonijiet bħal dawn li tista' tifhem, tapprezza u tħobb aktar l-għażla tal-ħajja vokazzjonali u tax-xogħol li jwettqu s-sorijiet Missjunarji tal-Karità, jew aħjar is-sorijiet ta' Madre Tereża, li jmissulek qalbek bix-xogħol siewi tagħhom mimli mħabba fost l-ifqar fost il-fqar. Is-sempliċità tagħhom u l-mod kalm li bih kienu jġibu ruħhom f'ċerti sitwazzjonijiet ta' kaos u konfużjoni li kienu jinqalgħu impressjonawni ħafna.

Aspett pożittiv ieħor ta' din l-esperjenza kienet il-ħbiberija li nibtet bejnietna l-voluntieri, ħbiberija li tinbet mill-ħidma flimkien u l-frott ta' esperjenza nisranija mgħixa fl-aspett radikali tagħha. U għalhekk nixtieq ngħid grazzi lil sħabi – Karen, Orietta, Josefa u Maria –, għax il-ħbiberija tagħhom għenitni nagħraf u ngħix aħjar is-sbuħija ta' l-imħabba lejn l-oħrajn.

***Daniel Borg***



## *Esperjenza ta' sitt żgħażagħ Għawdxin fl-Albanija*

L-ewwel impressjonijiet ta' l-Albanija malli ħriġna mill-ajruport kienu dawk ta' ħafna nies jilqgħu lill-emigranti tagħhom, ġejjin lura għal xi btala qasira, b'ħafna karozzi lussużi. Wara kważi ħamsin sena ta' gvern Komunista mill-aktar aħrax, l-Albanija kellha għaxar snin ta' demokrazija li fihom imxiet 'il quddiem f'affarijiet pożittivi u anke f'oħrajn inqas pożittivi. Ir-raġel Albaniż emigra lejn pajjiżi ġirien bit-tama ta' futur aħjar, fejn minn hemm beda jġib il-flus u anke ħafna karozzi lussużi.

Dun Manwel Cutajar, li miegħu għamilna l-esperjenza tagħna, għandu l-parroċċa ewlenija tiegħu fir-raħal ta' Mamurras, fin-nofs ta' l-Albanija. Barra dan, Dun Manwel irid jaqdi tliet knejjes oħra fil-viċinanazi li b'kollox jagħmlu n-nies tal-'parroċċa' kbira tiegħu għal fuq 15,000 ruħ. Ix-xogħol għalih huwa kbir u aħna hemmhekk għexna ftit miegħu l-ħidma li ta' kuljum iwettaq, barra l-ħafna korsijiet ta' katekiżmu u oħrajn edukattivi li jibdew f'Ottubru. Ħafna huma n-nies foqra u barra dawk li jiġu jittalbu l-parroċċa, għamilna diversi żjajjar f'familji fejn jitqassmu affarijiet li jkunu ntbagħtu minn Malta. Ħadna sehem regolari fiċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa fil-knejjes differenti, fost xjuħ u żgħażagħ, għalkemm ir-risposti bl-Albaniż bqajna nħawduhom sa l-aħħar! Nies ta' mezza età ftit tara għax il-Komuniżmu għamilhom poplu bla Alla. Anzjani iżda, u aktar u aktar żgħażagħ tara ħafna, u Dun Manwel jipprova jaħdem ħafna fosthom, in-nies li huma t-tama ta' dan il-pajjiż. Kemm domna hemm saru diversi attivitajiet għaż-żgħażagħ bħal ħarġiet il-baħar u fuq il-muntanji, laqgħat, u anke xi *party* żgħir, li għalihom konna nattendu lkoll. Tiltaqa' ma' ħafna żgħażagħ li bħala tipiċi Albaniżi ssir tafhom malajr u aktar ma titħallat magħhom tiskopri r-realtà diffiċli tagħhom, li tillimitahom f'ħafna aspetti li għalina huma n-normalità:; opportunitajiet ta' xogħol fiss, postijiet ta' divertiment, ftit drittijiet bażiċi għall-mara, ambjent u pajjiż sikur minn korruzzjoni u ħafna atti kriminali oħrajn... problemi li għalihom ħafna nies u pajjiżi, fosthom il-poplu Malti, taw ħafna biex jitranġaw xi ftit, li jservi bħala bidu f'mixja twila ta' bidla li nemmnu li bil-mod għad isseħħ.

Kull esperjenza li wieħed jagħmel f'ħajtu hija pożittiva jekk minnha jagħraf jibni lilu nnifsu. Għal dak li wieħed ikun ta, żgur li jirċievi ħafna lura, dan mhux bilfors f'xi sensazzjoni kbira ta' ferħ ġewwieni imma anke f'ħafna affarijiet oħrajn li frott l-esperjenza jkun irċieva. Dan nistgħu ngħiduh ilkoll u naħseb dawk kollha li f'dawn il-ġranet ta' vaganzi kellhom l-opportunità li jgħixu xi esperjenza ta' volontarjat.

***Noel Debono***

### *Gwatemala*



Ix-xahar ta' Lulju għalina kien differenti minn tas-soltu u żgur ser jibqa' fil-memorji tagħna. Morna l-Gwatemala, proprju fil-villaġġ ta' San Manuel Chapparron, f'Jalapa biex ngħinu mill-ftit li stajna lil Dun Anton Grech, li huwa l-uniku qassis f'dan il-villaġġ ta' madwar 8,000 ruħ fejn, minbarra li jieħu ħsieb il-bżonnijiet spiritwali ta' l-insara, imexxi skola primarja li bena huwa stess. Għalkemm jgħixu fil-faqar u nuqqas ta' affarijiet li għalina huma essenzjali, tinduna li l-ħajja sempliċi li jgħixu dawn in-nies hija mimlija mħabba, armonija, paċi u kuntentizza. Meta żorna wħud mid-djar tal-foqra, kienu jduru bina u japprezzaw ħafna l-fatt li morna nżuruhom.

Esperjenza li ħallietna ferm impressjonati kienet meta morna nżuru mara li ilha għal dawn l-aħħar 25 sena tgħix fid-dlam minħabba li l-marda tagħha ma tippermettix li ġisimha jara dawl. F'dar verament fqira sibna erba' persuni aħwa. tliet nisa u raġel, li lkoll ibatu minn xi marda. Ir-raġel b'sieqú maqtugħa jaħdem biex imantni lil ħutu; żewġ nisa jbatu minn uġigħ ta' ras qawwi u l-oħra tgħix il-ħin kollu ġo tinda żgħira sewda, f'kamra fejn qatt ma jidħol xaqq dawl u tiekol biss likwidi. Meta kellimniha, però, hija dehret ferħana u fl-ebda ħin ma karbet jew seħtet xortiha. Tkellmet magħna b'ħeġġa u rringrazzjatna talli morna nżuruha u kompliet imtliet bil-ferħ meta Dun Anton qalilha li kien ser iqaddes f'darha. Il-paċenzja u r-rassenjazzjoni li għandha din il-mara hija xi ħaġa tal-iskantament! "Jesus esta aqui", jiġifieri "Kristu qiegħed hawn" kien innu li tkanta waqt il-quddiesa, u verament li Kristu jgħix f'din id-dar.



F'Chapparron kellna ċ-ċans ukoll naħdmu ftit mat-tfal tal-iskola fejn ippruvajna ndaħħlu xi lezzjonijiet bażiċi fl-Ingliż. Minħabba li f'dan il-pajjiż l-opportunitajiet huma rari, l-iskejjel ma jagħtux importanza lit-tagħlim tal-Ingliż, u għalhekk it-tfal meta jikbru jsibuha diffiċli li javvanzaw fl-istudji tagħhom. Għalkemm xahar huwa ftit wisq biex wieħed jgħallem dak li jkun jixtieq, it-tfal urew ħafna l-apprezzament tagħhom lejna. Il-ftit li għamilna ma' dawn it-tfal kien ta' sodisfazzjon kbir għalina għaliex rajna li dawn ukoll kapaċi jitgħallmu u jimxu 'l quddiem. Għalhekk, minn hawn inħeġġu lil dawk li huma mħajra għal dan it-tip ta' volontarjat biex ma joqogħdux lura milli joffru ftit mill-ħin tagħhom. F'pajjiżi bħal dawn, fejn l-edukazzjoni għada ferm lura, huma meħtieġa b'mod speċjali ħafna għalliema, tobba u mediċini. Iżda hawn kull għajnuna tiswa u żgur li l-id ta' kulħadd tista' tgħin biex jintrefgħu naqra mis-sitwazzjoni tagħhom dawn in-nies li għandhom qalb tad-deheb.

Minn din l-esperjenza aħna tgħallimna ħafna. Morna bil-ħsieb li ser nagħtu ħafna iżda spiċċajna biex iggwadanjajna aktar milli tajna. F'pajjiżi bħal dawn wieħed jagħraf li mingħajr il-materjaliżmu fil-ħajja, il-bniedem kapaċi jgħix aħjar u f'aktar paċi.

*Marika Grech u Marlene Xiberras*

## *ESPERJENZA MISSJUNARJA FIL-KENJA*

Ħidma missjunarja ta' ftit ġimgħat tista' tkun meqjusa bħala qatra f'oċejan. Imma l-oċejan hu baħar kbir għax hu magħmul minn ħafna qatriet żgħar. Żgura għalhekk li l-ftit ġranet li wieħed iqatta' fil-missjoni huma utli.

Dan stajt nikkonfermah jien meta matul Awissu ta' din is-sena kont qegħda f'Ruiru, subborg ta' Nairobi fil-Kenja, biex ngħin fil-ħidma li s-Soċjetà tal-Museum qed tagħmel f'dan il-pajjiż.

Kienu ġranet li mlewni b'enerġija ġdida. Għinuni biex napprezza aktar it-tajjeb li għandna f'Għawdex u

biex naqsam ma' sħabi l-Għawdxin il-ferħ u l-imħabba li ġarrabt f'dan il-pajjiż tat-tielet dinja.

Ġejt lura konvinta li f'Għawdex diġà qed nagħmlu ħafna. Nistgħu nuru iktar solidarjetà mhux biss billi nitolbu 'l Alla u nagħtu l-flus għall-missjoni, imma billi nkunu iktar preżenti fost il-foqra; noqogħdu magħhom, u naqsmu magħhom mill-ftit ikel li għandhom.

Tul dan ix-xahar jiena ħassejtni, aktar mis-soltu, nimbotta l-karretta. Dik il-karretta li tkellem fuqha l-Beatu Ġorġ Preca meta rrakkonta l-viżjoni li kellu ħdejn is-Salib tal-Marsa. Dakinhar tifel ta' tnax-il sena li kien qed jiġbed karretta kkmanda lil Dun Ġorġ biex jgħinu.

Inti wkoll bħala mgħammed mistieden biex timbotta l-karretta. Biex tgħin kif tista', b'imħabba, fil-ħidma tal-Knisja. Ġesù qed jistiednek toffri l-qatra żgħira tiegħek. Minnek u minni jiddependi jekk din il-qatra tiffurmax oċejan.

***Pauline Grech***



## *IL-PRESEMINARJU TA' GĦAWDEX MILL-ĠDID F'COLLEREALE*

Żmien is-Sajf għal ħafna żgħażagħ jispiċċa jsir żmien ta' għażż, meta kulħadd jinjora l-ħidmiet normali tiegħu u forsi jinsa wkoll lil Alla.

Il-mawra tagħna f'Messina, f'dar-sptar ta' xi mija u ħamsin bejn anzjani u persuni b'diżabilità, għallmitna ħafna dwar x'inhu l-volontarjat. Ħafna jippruvaw ibiegħdu din il-ħidma 'diżinteressata' mis-sens reliġjuż tagħha, imma jien ngħid li hi stedina minn Ġesù nnifsu. Mhux lil Ġesù rajna f'dawk l-anzjani kollha li hemm miġbura f'*Casa di Ospitalità - Collereale*? Dorna bihom kemm stajna, u ferraħniehom bil-kant u l-kumpanija tagħna. Il-Quddiesa kienet wieħed minn dawk il-mumenti l-aktar għeżież, b'mod speċjali għalina bħala grupp. Ħadna eżempju kbir mis-sorijiet u l-infermiera tal-post, li bl-akbar għożża jagħrfu jżommu ambjent vivaċi u bl-azzjonijiet tagħhom ifittxu li jgħinu lil Kristu f'ħuthom fil-bżonn. Allaħares kellhom jaħdmu għall-flus...

Tul il-ġimgħa li għexna din l-esperjenza, flimkien ma' Dun Joe Zammit, ħadna ħsieb li norganizzaw purċissjoni bl-Ewkaristija fil-kuriduri ta' l-anzjani, u f'okkażjoni oħra dawwarna l-istatwa tal-Madonna, akkumpanjata mit-talb tar-Rużarju Mqaddes. Imbagħad iddevertejna flimkien, bħal f'*parties* u logħob li fihom tħallatna mar-residenti u dħakna magħhom. Trid tarana niżfnu ma' xi waħda ta' sittin sena! Imma ħadd minna ma ddejjaq, għax konna nafu għal x'hiex dħalna. F'esperjenza bħal din, ir-rieda ta' Alla titwettaq fi ħwejjeġ żgħar u insinjifikanti, u mhux f'dawk li jarahom kulħadd u bihom taqla' ċ-ċapċip tal-pubbliku. Minkejja dan, dak li għamilna ġie apprezzat, u bkewna meta tlaqna.

Dawk il-mumenti ta' kuljum li fihom il-grupp kien jinqasam biex kull tlieta minna jżuru taqsima waħda tad-dar, kienu ta' ġid kbir. Fihom dħalna fil-kmamar ta' dawn in-nies, u tkellimna magħhom dwar dak li jħobbu, u forsi anke dwar dak li jweġġagħhom. Qsamna ftit mill-imrar tagħhom, u ppruvajna nkunu ta' konsolazzjoni għalihom. Imma ħafna drabi l-ikkunslati konna aħna. X'tagħlima tieħu minn mara ta' xi tmenin sena, għamja, u bilkemm tista' titħarrek minn soddítha, li qalbha hi fil-paċi u moħħha kwiet!

Nistqarr li ma għamilna xejn speċjali, imma ta' dak li għamilna ma' dawn "iż-żgħar", ilkoll ġejna lura Għawdex mimlija b'sodisfazzjon u spirtu ta' mħabba għall-proxxmu. Din l-esperjenza għallmitna li, kif tenna Ġesù, min jagħti bil-ferħ jieħdu l-ħlas tiegħu. U aħna l-ħlas diġà bdejna narawh, għax minn wara din l-esperjenza, aktar qed infittxu li nxettlu fostna bħala grupp l-istess imħabba u għożża li tgħallimna ngħixu fost l-anzjani ta' Messina.

***Francesco Pio Attard***




# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(Id-Disa' Parti )*

## *Ix-Xita*

Ngħaddu, mela, biex ngħidu xi ħaġa dwar waħda mill-aktar ħwejjeġ importanti għall-biedja: **ix-Xita**. Ix-xita tagħtina l-ilma, l-ilma jagħtina l-ħajja. Fejn m'hemmx ilma, m'hemmx ħajja. Daqshekk hi importanti x-xita. Għax anki jekk il-bidwi jsaqqi, fl-aħħar mill-aħħar dak l-ilma li jtella' mill-bir jew mill-ispiera sab ruħu hemm mix-xita li għamlet fi żminijiet oħra. U għall-bidwi x-xita m'hix dejjem l-istess. Ħalli naraw għaliex.
U nibdew b'taqbila ċkejkna tat-tfal, mir-raħal tal-Munxar.

***Ix-xita u x-xemx,***
***l-għasfur inaqqi l-qemħ,***
***ix-xita u x-xituta,***
***in-nanna taħt it-tuta.***

Meta jkun hemm ix-xita u x-xemx flimkien, ngħidu twieled Tork. Ix-**xituta** tfisser **xita ħafifa**, jew **daqsxejn ta' xita**, **xita żgħira**. Xita ħafifa tissejjaħ ukoll **irxiex**. Imma l-vera xita rxiex ma tridx iddum wisq, għax inkella tieħu isem ieħor, bħalma se naraw dalwaqt.

Ix-xita tista' tkun kbira: **xita qawwija**, **xita bil-qliel** jew **bil-bramel**. Meta tagħmel xita bħal din il-widien ifuru bl-ilma. U l-wied ta' l-ilma minfejn għadda jerġa' jgħaddi. Xita li tkun akkumpanjata bir-riħ tissejjaħ **burraxka**. Xita li tagħmel għal ħin qasir tissejjaħ **ħalba** jew **ħeżża xita**. Hawn Għawdex ħalba xita ħafifa ġie li tissejjaħ ukoll burraxka xita. Mela, il-kelma burraxka għandha ħafna tifsir, skond fejn tintuża.

Kultant jisbaħ fil-għodu u l-ajru jkun miksi kollu sħab bix-xita tqattar il-ħin kollu, qisha **xita rxiex**, imma ma tiqafx. Ma tkunx xita qawwija, imma tkun xita ħafifa, sejra l-ħin kollu. Temp bħal dan jissejjaħ **iċ-ċirċ**. Meta jkun iċ-ċirċ, wieħed ma tantx jitħajjar joħroġ jiġri barra. Dak in-nhar il-bdiewa jeħduha vaganza. Xi drabi ċ-ċirċ jibda jiżdied għax l-ajru jibda jtella' s-sħab oħxon. Allura din ma tibqax tissejjaħ ċirċ, imma **xita dewwiema**, xita li ddum. Ma tantx ikollna bħalha, imma fl-istorja jissemmew jiem ta' xita dewwiema qawwija. Infatti, jingħad li l-purċissjoni ta' San Girgor f'Għawdex saret b'wegħda minħabba xita dewwiema qawwija ħafna li kienet għamlet għall-ħabta ta' l-aħħar tas-seklu sittax, bejn wieħed u ieħor f'Settembru tas-sena 1581.

**Xita tal-wiċċ** hija xita ħafifa li meta tagħmel kemm ixxarrab il-wiċċ tar-raba' u tinxef malajr. **Xita ta' l-art** hija xita li tagħmel ħelu ħelu biex tixrobha l-art. **Xita torpija** hija ħalba xita qawwija li ma ddumx ma tgħaddi, imma tista' tagħmel il-ħsara. Xita bħal din jingħad li tagħmel **bir-ruppat** jew **bir-ruppata**. **Xita tal-boqoq** hija xita li meta tinżel tagħmel ħafna bżieżaq fl-agħdajjar. Ninnutaw li mhux kull xita hija tal-boqoq, għalkemm dawn jistgħu jiffurmaw ruħhom dejjem fi kwantitajiet żgħar. Hawnhekk irridu nfakkru x'igħidilna l-qawl tagħna dwar dan, "Xita tal-boqoq, xita dewwiema". Mela x-xita tal-boqoq iddum niżla ħafna. **Xita tal-qigħan** hija dik ix-xita li dari kienet tagħmel meta jibdew jagħmlu l-qiegħa fuq l-andar biex jidirsu ż-żara' fuqha. **Xita bir-ragħad u s-sajjetti** hija xita qawwija akkumpanjata minn tempesta elettrika, kollha beraq, li tkun ġejja minn sħab oħxon ħafna li l-kurrenti ta' l-arja ta' ġo fih joħolqu oqsma ta' elettriċita' diversa li jikkawżaw is-sajjetti. Dari s-sajjetti kienu jgħidulhom **żlieżel**, waħda **żilżla**.

Mela, l-ajru l-ewwel jibda jtella' s-sħab. Jekk is-sħab jeħxien ngħidu **l-ajru qiegħed jimla**. Imbagħad jibda jberraq, ileħħ u jlaħlaħ, u wara jibda riegħed, jiġiferi **jbambal** jew **irambal** u **jdamdam**. Meta r-ragħad joqrob ngħidu li jkun beda **jkarwat**. U meta jasal fuqna ngħidu li beda **jżelżel** jew **ifaqqa' sajjetti**. Fl-aħħar l-ajru **jagħlaq għajnu** jew **jintebaq**. It-temp ikun fuqna.

Ix-xita l-ewwel tibda tqattar. Imbagħad tiżdied u tibda traxxax. Meta tiżdied sewwa ngħidu li **nfetħu bwieb is-sema** u malajr tkun bdiet **iċċaqċaq** jew

**tlanġas**. Meta ma tibqax qawwija ħafna, imma xorta waħda tkun nieżla mhux ħażin, ngħidu li x-xita għadha **xxarxar**. Meta mbagħad is-sħab tax-xita jkun għadda, ix-xita tieqaf, u meta tieqaf ngħidu x-xita qed **tisħa**, jew **sħat**. Meta s-sħab tax-xita jkun għadda għal kollox u jitfaċċa s-sema ikħal, ngħidu li sema jkun **safa** u li l-ajru jkun **ibbnazza**.

Ngħaddu issa għal xi qwiel dwar ix-xita, għax f'dawn il-qwiel hemm il-għerf ta' missirijietna. Bosta annimali jimmarkaw li tkun ġejja x-xita, bħall-qattus, il-bagħal, iż-żiemel, u anki t-tajr u għasafar, per eżempju l-pluvieri, isimhom magħhom, għasafar tax-xita. Iżda, "Meta joħroġ in-nemel itir, tkun ġejja xita bil-kbir". Xita f'waqtha u li tagħmel bil-mod il-mod dejjem tkun tajba għar-raba'. Għalhekk il-qawl igħidilna, "Xita bnina, deheb fina". Fix-xogħol tar-raba' l-bikri dejjem jiswa aktar minn dak li hu normali. F'dan il-każ, anki x-xita bikrija tiswa iħjed minn dik imwaħħra, "Meta x-xita tagħmel bikri, u tibqa' sa l-imwaħħar, ikollu x'jitma' l-bidwi u x'jaħżen sa l-aħħar". Qawl ieħor ifakkarna li meta f'xi sena partikulari tagħmel ħafna xita, anki l-bhejjem jaħbtu tajjeb, "Meta s-sena tkun milwiema, tkun senet il-ħmar", jiġifieri s-silla tagħmel ħafna u għalhekk il-ħmar isib ħafna x'jiekol. Ix-xita bikrija tlibbes l-egħlieqi tagħna b'tapiti bojod tal-ġarġir. Dan ukoll kienu jafuh tajjeb missirijietna, "Xita bikrija tnibbet il-ġarġir". Meta nsemmu x-xita, ma nistgħux ninsew li l-bdiewa tagħna jagħmlu minn kollox biex jaħżnu l-ilma biex meta jasal il-waqt isaqqu bih. Qawl ieħor ifakkarna f'dan, "L-ewwel xita tkun għar-raba' u għall-bjar, jekk tissokta timla l-irziezet u d-djar". Meta l-wiċċ tar-raba' jkun imlaħħaq mhux ħażin, ix-xita bir-riħ m'hemmx prezzha, "Xarba tar-riħ, il-wiċċ jiġi f'sensih".

Ma nistgħux insemmu x-xita, u ma nsemmux ukoll id-direzzjonijiet tar-riħ minfejn tagħmel ix-xita. "Beraq mil-lbiċ, xita żgur iġib". Ir-riħ għoli mil-lbiċ għat-tempijiet tax-xita hu l-aqwa wieħed. Hekk ukoll il-punent, "Il-punent itella' u jniżżel kull mument". Bir-riħ isfel ma jagħmlux tempijiet kbar tax-xita, ħlief f'xi eċċezzjonijiet, għax dan ir-riħ ismu miegħu, riħ isfel, mela qiegħed taħt ir-riħ. Imma jiġu żminijiet li jagħmel ukoll għax kif igħid il-qawl, "Xita mil-vant timla l-vagant". Lanqas m'għandna ninsew ix-xita mill-grigal, l-aktar meta jitilgħu żewġ tempijiet kontra xulxin. Imma billi ġeneralment ix-xita tagħmel bil-punent (u l-lbiċ), dan il-qawl ifakkarna li "Meta jiftaħ il-punent, ikun għadda l-maltemp".

### *Ix-Xita matul ix-Xhur*

"Tgħajjatx xita f'Jannar", igħid qawl popolari ħafna. Għax Jannar hu xahar li fih wieħed għandu jistenna x-xita u m'hemmx għalfejn joqgħod jitlob għaliha. Infatti, ngħidu wkoll, "Għax-xita ta' Jannar fil-bikri, lesti l-bjar". Qawl ieħor jgħid, "Ix-xita ta' Jannar troxx il-bħar". Dan hu hekk għax ix-xita ta' Jannar tagħmel il-ġid, basta ma tagħmilx ħafna.



Fi Frar ukoll tagħmel ix-xita. Infatti qawl popolari jgħid, "Frar fawwar, ifawwar il-bjar". Imma biċ-ċajt nirrimarkaw: ifawwarhom għax isibhom mimlijin! U dan il-għajdut fih iktar minn verita'. Imma dwar ix-xita ta' Frar għandna qawl ieħor interessanti ħafna: "Fi Frar, ix-xita bil-lejl u x-xogħol bin-nhar".
Imma għall-biedja, żgur li x-xita li tiswa l-aktar flus hija dik ta' ħruġ Marzu u dħul April. Il-qawl Għawdxi jgħid, "Xita ħruġ Marzu u dħul April, karru deheb u ieħor ħarir". F'Malta jgħidu biss "karru deheb fin". Imma l-qawl Għawdxi għandu marbuta miegħu ħrafa ħelwa ħafna dwar ħu Salamun. U tabilħaqq tiswa l-flus ix-xita ta' ħruġ Marzu u dħul April għax ir-raba' jkun kollu wċuħ differenti jitolbu x-xita bil-ħniena: patata, ful, piżelli, ċikkarda, qara', silla, għosfor, qoqoċċ, u tant uċuħ oħra.

Meta jidħol ix-xahar ta' April, aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar ix-xita ma tkunx tajba għall-biedja. Infatti jingħad, "Nhar San Mark ix-xita nar fl-art".

Links Travel
Your link to the world!
Organisers for Group Tours, Honeymoons, and all other types of Worldwide Travel
47, Republic Street, Victoria, Gozo VCT 103, Malta.
***Tel:*** 356 2156 0180, 356 2155 6476 ***Mob:*** 9949 5700
***Fax:*** 356 2156 0181
***Email:*** travel@linksmalta.com ***Web:*** www.linksmalta.com

San Mark jaħbat fil-25 ta' April. Dak in-nhar dari kienu jbierku r-riħ. Kienet tinżel purċissjoni kapitulari mill-Katidral għall-knisja ta' San Ġakbu, fejn fl-antik kien hemm ukoll knisja ta' San Mark, u minn hemm isir it-tberik tar-riħ. Imma x-xita donnha trid tagħmel bilfors f'dan iż-żmien għax qawl ieħor jgħidilna li "Ix-xita ta' San Ġorġ megħuda", jiġifieri trid tiġi skond il-wegħda. San Ġorġ jaħbat fit-23 ta' April. "Minn mit Mejju ma jgħaddix wieħed li ma tagħmilx xita". Dan juri li f'Mejju wkoll tagħmel ix-xita. U tagħmel ukoll ix-xita tal-qigħan, l-istess bħal f'Ġunju. Lulju hu xahar niexef, għalkemm ġie li wkoll tilef rasu.

Mhux hekk Awissu. "Awissu x-xemx taħarqu u x-xita tmissu". San Bert, li jieħu ċ-ċwievet tax-xita, nagħmlulu l-festa fl-24 ta' dan ix-xahar. Wara din il-festa wieħed jistenna x-xita.

F'Settembru wkoll tista' tagħmel ix-xita, imma xita bħal din m'għandha xejn speċjali ħlief li hi xita bikrija. Iżda aktarx li meta tagħmel ix-xita f'Settembru, tagħmel iktar f'Novembru jew taqbel iktar għax-xita ta' Novembru għax il-qawl igħidilna, "Xita f'Settembru, meraq tajjeb f'Novembru". Issa ħalli naraw x'kienu jaħsbu fuq ix-xita tax-xahar ta' Ottubru. Infatti jingħad: "Jekk tagħmel ix-xita nhar tar-Rużarju fil-għodu, tkun bikrija; jekk tagħmel min-nofs n-nhar 'il quddiem, tkun imwaħħra". Mela din hija riegla oħra dwar kif se tkun ix-xita fl-istaġun milwiem li jmiss. Ix-xita tal-ħarifa, ġeneralment tkun bir-ragħad u s-sajjetti.

Meta tagħmel ħafna xita jista' jkun hemm konsegwenzi koroh għall-biedja. Qabel xejn ħafna raba' **jinfaqa'**. Il-bdiewa tagħna jgħidu wkoll **ir-raba' jisker**. Għalhekk, wara xita qawwija għal diversi jiem, aktarx naraw bosta raba' mifqugħ u mistagħdar. Meta l-art tistagħdar, l-ilma jibda jnixxi u jżoqq mill-ħitan. Fit-toroq, għalhekk, naraw ħafna nixxijat ta' ilma **tan-nixa** jew **taż-żaqq** li jdum għaddej għal bosta ġimgħat, skond kemm tkun mifqugħa l-art.

Xita qawwija tista' wkoll tkun il-kaġun li ħafna ħamrija tinġarr mal-ħamla u l-ħitan tas-sejjiegħ jaqgħu. Dari dawn kienu jinbnew mill-ewwel biex il-ħamrija ma tintilifx, Illum, b'xorti ħażina għalina, meta l-ħitan jaqgħu ma jinbnewx u l-ħamrija tkompli tinġarr lejn il-widien. Imnalla għandna l-ilqugħ f'bosta widien li jżommu l-ħamrija milli tmur il-baħar. Bil-kelma ħamla nifhmu dak kollu li jġorr l-ilma tax-xita hu u għaddej: trab, ġebel, naqal, ħamrija u kulma jsib quddiemu.

## *L-Istilel tal-Maltemp*

Il-bdiewa tagħna ta' spiss isemmu l-istilel tal-maltemp. Dawn huma xi festi ewlenin tal-ħarifa u x-xitwa li fihom aktarx tagħmel xi maltempata qalila jew ħafna xita. Mhux bilfors li matul sena waħda l-festi jkunu kollha stilel, u mhux kulħadd isemmihom kollha, billi kittieba differenti jsemmu stilel differenti. L-istilel tal-maltemp huma dawn li ġejjin: Santa Roża - 4 ta' Settembru, il-Vitorja - 8 ta' Settembru, San Mikiel - 29 ta' Settembru, il-Madonna tal-Pilar - 12 ta' Ottubru, Santa Tereża - 15 ta' Ottubru, Sant'Ursla, 21 ta' Ottubru, San Rafel - 24 ta' Ottubru, Santa Ċeċilja - 22 ta' Novembru, San Katerina - 25 ta' Novembru, Santa Barbara - 4 ta' Diċembru, il-Kunċizzjoni - 8 ta' Diċembru, Santa Luċija - 13 ta' Diċembru, San Girgor - 12 ta' Marzu, u l-Lunzjata - 25 ta' Marzu. Id-dati msemmija huma skond il-Kalendarju Liturġiku l-antik.

B'dana kollu, malli tgħaddi l-Gandlora, festa tal-Purifikazzjoni tal-Madonna li dari kienet issir fit-2 ta' Frar, l-Istilel tal-Maltemp suppost li jkunu għaddew. Tant hu hekk li l-qawl igħid, "Il-Kandlora, stilli fora", jiġifieri, il-Kandlora, l-istilel barra.

*(Jissokta)*



LANTERN
Guest House
Restaurant • Pizzeria
MARSALFORN - GOZO
Tel: 562365 • Fax: 556285
Mobile: 09877648 / 09883028
Residence: Tel: 554186
E-mail: romx@vol.net.mt
SEA VIEW APARTMENTS ALSO AVAILABLE

TEKNO ZONE
T.V.'s, Hi Fi Systems, Mobile Phones & Accessories, Cordless Phones, Car Audio & much more.
Call Peter & Maureen Mercieca
Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo, Malta.
Tel/Fax: 21565304 Mobile: 09491809 / 09854176
e-mail: teknozon@maltanet.net

Xerri l-Bukkett

Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iz-Zewwieqa Qala
Tel. 553500


GELAT TA' VERU... ...DOQTU???
BAXAN ORIGINAL
SMUGGLER'S CAVE
BAR • RESTAURANT • PIZZERIA
IL-MENQA - MARSALFORN - GOZO
TEL: 551005 - 551983 FAX: 559959

A Whole New Look
Sharmain's Styling Salon
57, St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236


IL TERRAZZO
Bar & Restaurant
• St. Simon Street, Xlendi, Gozo •
Host: Joseph Mercieca
Tel: 562992, 556594 • Mobile: 0944 6833 • Pager: 357 4242
E-Mail: www.terrazzo@waldonet.net.mt
Web Site: www.gozo.com/terrazzo

FUQ L-INTERNET
RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo
http://www.rtk.org.mt
IL-HAJJA F'GHAWDEX
http://www.gozodirect.com/lumenchristi




# IL-MUŻEW TA' L-ISTORJA NATURALI
## (L-Għaxar Parti)

### L-ARTROPODI U L-INSETTI

Fil-ġranet sbieħ tar-Rebbiegħa żgur li f'ħin jew f'ieħor tinbet fina x-xewqa li noħorġu fil-kampanja. F'dak iż-żmien, hemmhekk, wieħed jilmaħ għadd kbir ta' ħlejjaq ta' kull forma u kulur jittajru minn fuq fjura għal fuq oħra. Bosta minn dawn ikunu insetti u l-aktar li jolqtu l-għajn bla dubju huma l-friefet bi ġwenħajhom kbar u ta' kull lewn, jimirħu fuq il-fjuri jfittxu n-nektar.

Fil-familja tal-artropodi nsibu l-friefet, il-baħrijiet, il-granċijiet, il-brimb, il-ħnieżer l-art, iċ-ċentipiedi u l-insetti kollha. Dan il-grupp kbir jiġbor fih l-annimali kollha li għandhom qafas jew skeletru estern u saqajn magħmulin minn biċċiet li jartikulaw flimkien. L-artropodi jinqasmu f'erba' klassijiet:

1.*KRUSTACEA*: tħaddan fiha l-granċijiet, il-gambli, l-ixkatli u l-koċċli.
2.*ARAKNIDA*: tħaddan fiha l-qraden, l-iskorpjuni u l-brimb.
3.*DIPLOPODA* jew *MIRJAPODA*: li fiha nsibu ċ-ċentipiedi u l-millipiedi.
4.**INSETTI**:imniżżla taħt dan l-isem kull tip ta' nsetti.

Il-klassi ta' l-insetti hija tant mifruxa u tiġbor fiha tant speċi differenti li tiġi maqsuma f'24 grupp imsejħa ordni. Miġbura f'dawn l-erbgħa u għoxrin ordni nsibu mhux anqas minn miljun speċi differenti. L-istudjużi ta' l-insetti, imsejħa entomoloġisti, huma tal-fehma li dan in-numru huwa biss madwar 10% tal-insetti kollha li fil-verita jeżistu fid-dinja.

### L-ANATOMIJA TA' L-INSETT

Kull insett għandu ġismu maqsum fi tliet partijiet u għandu tliet pari saqajn. Għandu l-iskeletru fuq barra u mibni minn materjal iebes ħafna li jgħidulu kitin. Insibu nsetti li għandhom żewġ pari ġwienaħ. Aktar 'l fuq rajna li kull insett għandu ġismu maqsum fi tliet partijiet. Fuq quddiem insibulu r-ras, li jkun fiha għajnejn aktarx kbar, iffurmati minn numru ta' lentijiet essagonali ( li għandhom sitt naħat) jgħidulhom okkelli u par qrun jew aħjar antenni. F'dil-parti nsibu wkoll il-ħalq li huwa speċjali u xi ftit kumpless. Hekk l-organi sensorjali (dawk li jħoss bihom) insibuhom fir-ras. It-toraċi jew il-parti tan-nofs, hija l-aktar parti muskolata. Din hija struttura waħda riġida ffurmata minn tliet partijiet:

a) il-**protoraċi**: fejn hemm is-saqajn ta' quddiem:
b) il-**meso toraċi**: il-parti tan-nofs, fejn hemm par saqajn oħra (dawk tan-nofs) u f'dawk l-insetti li għandhom il-ġwienaħ ta' quddiem:
c) il-**meta toraċi**: il-parti ta' wara fejn insibu par saqajn u par ġwienaħ (jekk l-insett ikollu ġwienaħ), is-saqajn u l-ġwienaħ ta' wara.

Peress li bħal ma għidt iktar 'l fuq jeżistu eluf ta' speċi ta' nsetti, jien ser niffoka l-iktar fuq insetti l-aktar magħrufa u popolari magħna voldieri l-friefet u l-baħrijiet.

### IĊ-ĊIKLU TA' ĦAJJA TAL-FARFETT JEW TAL-BAĦRIJA MAGĦRUFA WKOLL BĦALA L-METAMORFOSI

Il-metamorfosi jew iċ-ċiklu ta' ħajja tal-farfett jew tal-baħrija hija maqsuma f'erba' stadji li huma: il-bajda, ix-xagħat, lil-pupa u l-insett adult. Dan it-tip ta' ċiklu huwa magħruf bħala **Metamorfosi sħiħa**. Din isseħħ ukoll fl-ispeċi tad-dubbien, in-nemus, il-ħanfus, iż-żunżan, in-naħal u n-nemel. Imbagħad hemm l-insetti li jgħaddu minn metamorfosi li fiha tliet stadji biss li huma: l-bajda, in-ninfa u l-insett adult. Dawn l-ispeċi huma l-ġurati, il-wirdien u l-mażżarelli.

## IL-BAJDA

Mela, kull farfett jew baħrija jibda l-ħajja tiegħu bħala bajda. Il-farfett jew il-baħrija mara tbid jew bajda waħda wara l-oħra jew għanqud ta' bajd fuq in-naħa ta' taħt tal-werqa li fuqha jgħix ix-xagħat. Il-forma, il-kulur u l-iskultura fuq il-qoxra ta' barra jvarjaw minn speċi għall-oħra.

## IX-XAGĦAT

Il-bajda tfaqqas aktarx fi ftit ġranet, għalkemm dan iż-żmien ivarja minn speċi għall-oħra u minn ġenerazzjoni għall-oħra. Il-bajda tibdel il-kulur u x-xagħat jidher jitħarrek fil bajda hekk kif din tkun waslet biex tfaqqas. L-ewwell ħaġa li jagħmlu x-xagħat ta' ħafna speċi ta' friefet u baħrijiet differenti hu li jieklu l-qoxra. Minn studji li saru, jidher ċar, li din l-ewwel ikla tagħhom għandha mportanza kbira għax dawk li ma jirnexxielhomx jieklu l-qoxra ma jkunux kapaċi jaqbdu l-ikel l-ieħor u jaslu biex imutu. X'aktarx li l-qoxra fiha xi sustanzi vitali, bħal proteini meħtieġa fl-iżvilupp tax-xagħat. Ix-xagħat jiekol u jikber il-ħin kollu qisu magna. Huwa ma jikbirx b'mod uniformi jew kostanti. Dan jiġri minħabba li l-ġilda hija bla ħajja u iebsa u għalhekk ma tikbirx jew titwessa miegħu. Jiġri għalhekk li meta x-xagħat jiekol u jikber, din il-qoxra mejta ma tibqax tesgħu u fl-aħħar tkun ser tixpakka. Allura meta jiġri hekk, ix-xagħat jieqaf jiekol, iwaqqa' l-qoxra jew il-ġilda l-qadima u jibda jifforma oħra ġdida u akbar. Hekk kif din il-qoxra ġdida tara l-arja tibbies xi ftit u tissaħħaħ u x-xagħat ikompli jiekol u jikber. Dan il-bdil ta' qoxra, li fil-fatt huwa kontrollat minn żewġ ormoni, iseħħ bejn erbgħa u ħames darbiet. Dan il-bdil huwa magħruf bħala ekdissi u ż-żmien ta' bejn ekdissi u ieħor jissejjaħ instar.

Ix-xagħat ta' farfett ikollu ġismu magħmul minn ras b'qoxra iebsa u madwar tlettax-il segment jew ċirku. Il-ġisem ta' baħrija żgħira jkollu inqas numru ta' ċrieki. Fir-ras insibu par qrun qosra, ħalq b'żewġ ixdqa b'xifer jaqta' ħafna u par għajnejn sempliċi.

## IL-PUPA

Imbagħad issir bidla kbira fl-aħħar ekdissi. Meta x-xagħat jibdel il-qoxra għal ħames darba, flok isir xagħat akbar, jinbidel f'pupa. Meta jkun ser jinbidel f'pupa, ix-xagħlat jitlaq minn fuq I-pjanta fejn ikun qatta' ħajtu u jfittex post imwarrab u għall-kwiet. L-ewwel ħaġa li jagħmel hu li jinseġ bħal roqgħa żgħira ta' ħarir u fiha jankra sewwa il-ganċijiet ta' l-aħħar sieq abdominali. Wara dan jinseġ bħal ħajta tal-ħarir, imwaħħla maż-żewġ iġnub tiegħu u li tgħaddi minn fuq dahru, hekk li ma jkunx jista' jaqa' lura. Mhux il-friefet kollha jagħmlu din il-biċċa xogħol meta jsiru pupa.

Ix-xagħat ma tantx jieħu żmien biex jinbidel f'pupa. L-ewwel il-ġilda tax-xagħat tinqasam minn wara r-ras u biċ-ċaqliq kontinwu u ritmiku kkawżat minn ġbid muskolari, din bħal tiċkien u titkebbeb lejn in-naħa ta' wara tal-pupa li qed tifforma. L-aħħar sforz hu lil-pupa tarmi għal kollox il-ġilda qadima.

## IL-FARFETT JEW BAĦRIJA

Jekk wieħed iħares lejn pupa jkun jista' jilmaħ ħafna mill-partijiet li jinsabu fil-farfett. Malajr jidhru l-għajnejn u l-antenni, il-ġwienaħ u l-proboxxide, it-toraċi u ż-żaqq u s-saqajn. Meta l-pupa tkun waslet biex tfaqqas, il-ġwienaħ jieħdu l-kulur, jinqasam minn wara r-ras u l-farfett jitkaxkar ftit ftit 'il barra. Għall-ewwel il-farfett ikun imxarrab u l-ġwienaħ żgħar u mkemmxin. Jiddendlu ġwenħajh 'l isfel u jibda jippompja bħal likwidu fil-vini tal-ġwienaħ. Dawn jinfetħu, jikbru u jibbiesu. Wara xi siegħa l-farfett ikun lest biex jagħmel l-ewwel titjira tiegħu madwar il-ħolqien ta' madwaru.

## LEPIDOPTERA

***Lepidoptera*** huwa l-isem tal-ordni li tiġbor fiha l-ispeċi tal-friefet u l-baħrijiet. Il-kelma hija hija magħmula minn żewġ kelmiet Griegi li huma ***lepis*** li tfisser qoxra u ***pteron*** li tfisser ġewnaħ. U għalhekk nistaqsu x'differenza tgħaddi bejn iż-żewġ speċi?

Fil-fatt ma hemm ebda differenza bejn il-friefet kollha jekk inpoġġuhom kollha fuq naħa waħda u l-baħrijiet kollha fuq in-naħa l-oħra. Naraw li l-friefet huma mżejna b'aktar kuluri, itiru filgħodu waqt il-ħin tax-xemx u waqt li jorqdu jew jistrieħu jżommu ġwenħajhom magħluqin dritti 'l fuq. Minn naħa l-oħra l-kuluri tal-baħrijiet huma aktarx skuri, joħorġu jittajru wara nżul ix-xemx u waqt il-mistireħ tagħhom iżommu il-ġwienaħ miftuħin ċatti. Imma nsibu wkoll ħafna speċi ta' baħrijiet li bħal friefet itiru matul il-ġurnata, u għandhom ukoll ġwienaħ ikkuluriti ħafna. Il-baħrijiet tropikali ***Chrysiridea Riphearia Drury*** hija eżempju tipiku. Imbagħad niltaqgħu wkoll ma friefet bħall-ispeċi tal-familja ***Hesperiidae*** li bħala abitudni jżommu ġwenħajhom bħal tal-baħrijiet ċatti fil-ħin li jistrieħu u min-naħa l-oħra hemm speċi oħrajn ta' baħrijiet bħall-familja ***Geometridae*** li jagħlqu il-ġwienaħ 'l fuq biex jistrieħu, bħal friefet.

L-aktar differenzi mportanti nsibuhom fil-forma ta' l-antenni u l-preżenza jew in-nuqqas ta' struttura li torbot il-ġwienaħ flimkien, magħrufa bħala ***frenulum***. Mingħajr ebda eċċezzjoni l-antenni tal-friefet huma dejjem irqaq u jispiċċaw f'nefħa, qisha boċċa żgħira, filwaqt li l-baħrijiet nsibulhom diversi forom ta' antenni imma fl-ebda każ bħal tal-friefet.

Din kienet l-aħħar parti tal-mawra tagħna fil-mużew tax-Xjenzi Naturali. Kienet pjuttost twila, imma, nispera li kienet interessanti. Nerġa ntennilkom biex ssibu ftit tal-ħin biex tmorru taraw il-mużewijiet speċjalment fl-aħħar Ħadd ta' kull xahar meta jkunu bla ħlas għall-Maltin u l-Għawdxin.

**REFERENZI:**


Cachia Charles: *Molluski ta' Malta*, Kullana Kulturali, PIN 1999.
Farrugia Randon S. *Il-Ħut ta' Malta*, Kullana Kultura, PIN 2001.
Ghiselin Michael T: 1.*Echinoderm*, 2.*Crustacean*, *Encarta Encyclopedia*, 2001.
Lanfranco Edwin: *The Flora and Vegetation of Gozo (A Focus on Gozo)* April 1996. *Il-Ħut: Flora u Fawna ta' Malta*, 1996.
Mann Alan: *Human Evolution Encarta Encyclopedia*, 2001.
Mifsud Costantino: *Il-Molluski: Flora u Fawna ta' Malta*, 1996.
Sammut Paul: *Il-Lepidoptera*, Kullana Kulturali, PIN 2000.
Schembri Patrick J. (1) *L-Ekinodermi*. (2) *L-Insetti*. (3) *Il-Knidarji: Flora u Fawna ta' Malta*, 1996.
Wendt Herbert: *From Ape to Adam*, 1972.
Żammit Maempel George: *The Geology of Gozo (A Focus on Gozo)*, April 1996.


**N.B.**
Nixtieq inżid lista oħra ta' riferenzi għall-artiklu dwar il-Mużew tal-Folklor li bi żbal ġenwin ma ġietx inkluża fl-aħħar ta' l-artiklu.

**REFERENZI:**


Attard Anton F. (1) *Logħob Folkloristiku ta' Għawdex*, 1969. (2)*Mill-Folklor ta' Għawdex - Ġabra ta' Taqbil u Għana Folkloristiku*-1986. (3)*Mill-Ħajja ta' l-Imgħoddi*, 1991.
Cassar Pullicino Ġuże`: *Studies in Maltese Folklore, Stejjer ta' Niesna*, 1967.
Galea Ġuże`: *Xogħol u Snajja ta' l-Imgħoddi*, 1972.

## Madre Margerita De Brincat - 8

# Ħadet il-vokazzjoni tagħha bis-serjetà

**jikteb Angelo Xuereb**



Madre Margerita ħadet il-vokazzjoni ta' soru bis-serjetà u bnietha fuq pedamenti sodi: talb, devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù u l-Madonna, l-Ewkaristija, filwaqt li xtaqet li s-sorijiet tal-Kongregazzjoni tagħha jipperseveraw sal-mewt.

Kienet konxja li l-istil ta' ħajja tal-Kongregazzjoni hija vokazzjoni ġejja minn Alla. Kienet titlob sinjal mis-Sema biex tara jekk hijiex approvata minn Alla billi soru tmut fil-kongregazzjoni li tkun laħqet ċertu grad ta' qdusija. Għalhekk meta semgħet bl-aħbar tal-mewt ta' Madre Nażżarena Gouder, li mit-78 sena għaddiet 55 minnhom fil-Kongregazzjoni tagħha, qalet b'ton ta' fidi:

"Mill-ewwel jum li fih ġejt magħżula bħala Superjura Ġenerali sal-lum, jien dejjem tlabt 'l Alla wara t-tqarbin imqaddes, biex ikolli mis-Sema sinjal li l-Kongregazzjoni tagħna hi tassew approvata minn Alla. U s-sinjal kellu jkun li qabel ma mmut ikolli x-xorti nara waħda mis-sorijiet tagħmel mewta tassew qaddisa. Issa rajt il-mewt ta' Madre Nażżarena, u għandi ċ-ċertezza li hi tinsab flimkien mal-beati. Issa x'fadalli ħlief li mmut anke jiena?"

Iżda filwaqt li kienet titlob għall-perseveranza tas-Sorijiet tal-Kongregazzjoni tagħha, kienet tagħmel il-mezzi kollha possibbli. Riedet li ħajjithom tkun waħda bbażata fuq spiritwalità soda u ċaħda tad-dinja. Hija tikteb: "Ħudu ħsieb tajjeb tal-postulanti u ta' l-aspiranti, ħalli jitilgħu utli u qaddisin. Imlewhom ilkoll bl-imħabba serafika". Din il-perseveranza kellha tinbena fuq is-serjetà. Ma reditx li l-Kongregazzjoni tagħha tkun mibnija fuq sorijiet ta' nofs kedda iżda erwieħ ikkonsagrati verament lil Alla. Dan narawh f'din il-kitba tagħha:

"In-numru sabiħ tal-postulanti jhennini! Huma bħall-ħames Pjagi tal-Maħbub Għarus tagħna msallab. Għidilhom ħalli jkunu devoti ħafna, anzi bħal namrat ta' dan in-nar divin. Għidilhom ħalli jeqirdu fihom bis-serjetà dak kollu li jwassalhom ħalli tgħaddi tagħhom jew li jagħmlu li jridu. Irrid li ma jkollhom xejn tagħhom biex ikunu sorijiet veri u mhux bin-nofs".

Hija kienet tinsisti biex is-sorijiet ikollhom l-ideal ta' qdusija u ċ-ċaħda tagħhom infushom. Fil-kitba tagħha niltaqgħu ma' dan il-ħsieb: "Noffru għall-formazzjoni tan-novizzi, iċ-ċaħdiet li niltaqgħu magħhom matul ħajjitna, dak kollu li nħossuh imur kontra n-natura tagħna".

Il-messaġġ ta' Madre Margerita ma huwiex biss għas-sorijiet iżda għal dawk kollha li jridu jieħdu l-vokazzjoni nisranija bis-serjetà: Alla lil kull bniedem jagħtih missjoni xi jwettaq. Iżda huwa jrid jilqagħha bis-serjetà u jagħmel ħiltu sabiex itemmha skond ir-rieda ta' Alla.

U proprju n-nisrani jsib f'Madre Margerita l-mudell ta' perseveranza nisranija mibnija fuq iċ-ċaħda, talb, serjetà, dedikazzjoni u ħeġġa. Jalla l-messaġġ tagħha jkompli jħalli frott bil-bosta.

Rose's
BAR & RESTAURANT
15, Ramla Road, Nadur, Gozo, Malta.
Tel: 564890 Mob: 0942 5830

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

*Eħilsu mill-qilla tax-xemx u sebbħu djarkom bil-Vertical & Venetian Blinds & Roller Shades ta'*

**Tony Camilleri**

VARJETÀ KBIRA TA' BLINDS U SHADES TAD-DRAPP, ALUMINIUM U PLASTIC, KIF UKOLL FLY SCREENS.



**KOLLOX BI PREZZIJIET RAĠJONEVOLI**

*Għal aktar dettalji rrikorru għand:*

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

David Cocco Palmieri Street, Nadur, Gozo
Tel. 21553352/21562211 - Mob. 999 5001 - Fax 21562211

TAL-ĦWAWAR

*Issa tista' tħawwar il-borma bħal dari*

*Issib Ħwawar, Ħxejjex Aromatiċi, Frott Imqadded għall-Ħelu u Prodotti oħrajn għall-ikel.*

**14-15 KERĊEM ROAD, VICTORIA VCT 104, GOZO.**
**TEL: 2156 2160**

# int u saħħtek



Dr. Mario Saliba M.D.

## Il-Ġenetika: Arma f'idejn il-Bniedem

Sa issa ħafna jibżgħu mill-ġenetika għax permezz tagħha l-bniedem għandu arma f'idejh li biha jista' joħloq bnedmin oħra mingħajr l-użu tal-konċepiment. S'issa konna nemmnu li kull wieħed u waħda minna jkollu l-karatteristiċi tiegħu ġa stampati u dik li nistgħu nsejħu **l-identità** tagħna tkun ġa stabilita mill-mument tal-konċepiment tagħna. Ħadd u l-ebda ambjent ma' jista jbiddel dak li jkun ġa 'miktub' fil-*genes* tagħna. Dan jissejjaħ determiniżmu bijoloġiku. Skond din it-teorija ħajjitna hija kompletament determinata mill-*genes*. Allura aħna nkunu mweldin ħallelin, qattiela, bravi, injuranti, buffi, melankoniċi ...eċċ. minn ġuf ommna u mhux l-ambjent jew it-trobbija jagħmluna hekk. Issa permezz tal-ġenetika dan kollu spiċċa u ħajjitna hija daħka għax tista' tkun mibdula permezz ta' l-inġinerija ġenetika. Dan qajjem ċertu biża' li huwa ġustifikata għax ħajjitna tista tkun manipulata mix-xjenzjati.

Iżda dan għadu mhu xejn ħdejn dak li x-xjenzjati jistgħu jagħmlu lill-moħħ permezz ta' interventi kirurġiċi. Skond l-opinjoni medika dan l-indħil tal-bniedem huwa aktar tal-biża' mill-bio-ġenetika. Permezz ta' labar fini ħafna mdaħħlin fil-moħħ, xjenzjati jistgħu jikkontrollaw il-funzjoni tal-moħħ. Ġa kien hemm attentati biex ċertu mard tal-moħħ ikun ittrattat b'dan il-mod. Dan huwa mod perikuluż kif tittratta bniedem għax ir-riżultat mhux garantit u lanqas huwa previst. Illum inħolqu ċerti mediċini li lanqas nafu kif jaħdmu fuq il-moħħ. Iżda minkejja dan xorta qegħdin jintużaw, saħansitra fuq it-tfal. It-tendenza hi, li iktar 'il quddiem, l-użu ta' dawn il-mediċini jikber u dak li l-bniedem ma jirnexxilux jagħmel permezz tal-bio-ġenetika jipprova jagħmlu permezz ta' dawn il-mediċini li qed ikunu vvintati u permezz ta' interventi fuq il-moħħ. Għad jiġi żmien li nibdew nieħdu mediċini mhux għax morda iżda biex ma nixjiħux, jew biex il-moħħ tagħna jibqa' jaħdem tajjeb. Dan isir fuq l-istess prinċipju ta' prevenzjoni fil-każ ta' mard tal-qalb u ta' l-arterji. Illum wieħed ma jistennix li jimrad biex jieħu l-kura, iżda jieħu l-kura biex ma jimradx! Skond Francis Fukuyama fil-ktieb tiegħu *"Our Posthuman Future"*, il-bniedem fil-futur irid



jakkwista dak kollu li jimmaġina permezz ta' prodotti farmaċewtiċi jew kirurġija fuq il-moħħ. Hemm ġa madwar 40 mediċina lesta biex tintuża kontra l-marda *Alzheimer* li ftit ftit ixxejjaħ il-moħħ u minħabba fiha dak li jkun jitlef il-fakultajiet tal-moħħ, ma jkunx jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu u lanqas jikkomunika ma' ta' madwaru. Fil-futur għad nibdew nieħdu mediċini biex ma ninsewx jew biex ngħollu l-intelliġenza tagħna.

Ix-xjenza tal-ġenetika illum għamlet avvanzi kbar biex jiddeterminaw l-evoluzjoni tal-bniedem u ta' l-umanità. Għalhekk iktar ma l-bniedem isir jaf affarijiet, iktar jitgħabba bir-responsabilità ta' għemilu. Manipulazzjoni ġenetika hija kull intervent min-naħa tax-xjenza biex jitbiddlu xi partijiet minn ġewwa l-embriju. Dawn il-partijiet jissejħu *genes*. Dan it-tbdil isir bil-għan biex ikunu eliminati ċerti difetti li huma l-kawża ta' xi marda bħal fil-każ ta' *cystic fibrosis*, xi tipi ta' kanċers, eċċ. Riċerki bħal dawn jistgħu iħallu ħafna ġid. Saru ħafna esperimenti fuq xtieli u annimali u saħansitra dan l-aħħar permezz tal-*cloning* inħolqot il-famuża nagħġa-kopja li semmewha *Dolly*. Issa sabu li din in-nagħġa hija ċajta tan-natura għax ġa għandha l-artrite! Hawn min jaħseb li dawn l-interventi ġa bdew isiru fuq embrijoni umani. Il-bniedem qed jagħmilha ta' Alla u qed jipprova joħloq individwi kważi perfetti u superjuri għal bnedmin oħra. Din ma għadiex fantaxjenza iżda saret realtà. Iżda kemm huwa ġustifikat il-bniedem li jesperimenta fuq embrijoni ta' bnedmin oħra? Il-biża' huwa li f'dan il-qasam jista' ma jkunx hawn limitu safejn ix-xjenza tista' tasal. Jekk il-bniedem jipprova jieħu l-poteri kollha f'idejh għadu ħadd ma' jaf il-konsegwenzi li għalihom jistgħu jwasslu. Dan huwa każ fejn il-bniedem jagħmilha ta' Alla. Permezz tal-ġenetika illum nafu dwar ħafna mard u kundizzjonijiet tal-bniedem li jintirtu. Kull bniedem għandu sett ta' *genes* li jiddeterminaw dak kollu li jiffurmaw il-bniedem sa l-inqas dettal. Fil-qasam tal-ġenetika l-futur ġa huwa magħruf. Il-progress miexi b'ritmu mgħaġġel. Din ir-rivoluzzjoni ġenetika bdiet fl-1952 meta nstab il-mollikolu tad-DNA u sena wara x-xjenzjati **Watson** u **Crick** irnexxielhom jiskopru l-binja ta' dan il-mollikolu li fih jinsab il-wirt ġenetiku ta' kull wieħed u waħda minna. Il-bniedem kważi wasal biex jiskopri l-kawża tal-mard ġenetiku kollu. Din l-informazzjoni



tkun tista' tintuża biex dawk li jimpjegaw ikunu jistgħu jindagaw fuq il-persuni li japplikaw u għalhekk ikollhom il-faċilità li jagħżlu l-aħjar applikant skond l-informazzjoni li tidher fil-kompjuter. Jekk il-bniedem jivvinta pillola li jirriżulta li tagħmel ħsara jista' jirtiraha x'ħin irid. Iżda l-ħsara li tista' ssir bil-manipulazzjoni ġenetika jew bil-kirurġija hija rreversibbli.

Permezz ta' dawn l-iskoperti u t-teknologija ġdida l-bniedem qed jiskopri potenzjal infinit li jirrendilu l-kapaċità li jtejjeb il-ħajja tiegħu u jnaqqas ħafna mard, iżda li jista' jagħmel ħafna ħsara wkoll. Hawn il-mistoqsija tiġi weħidha. Il-bniedem sa fejn għandu jasal? Din hija bħal logħba tal-*poker*. Il-mazz tal-karti qiegħed f'idejn il-bniedem, kollox jiddependi minn kemm jilgħab logħba tajba. Fis-snin li ġejjin, jekk ix-xjenza ma tkunx immexxija mill-kuxjenza din tista' twassal għall-qerda tal-bniedem.

Links Travel
Malta's Leading Tour Operators
LINKS TRAVEL LTD. are Gozo Representatives for HAMILTON TRAVEL
47, Republic Street, Victoria, Gozo VCT 103, Malta.
*Tel:* 356 2156 0180, 356 2155 6476 *Mob:* 9949 5700 *Fax:* 356 2156 0181
*Email:* travel@linksmalta.com *Web:* www.linksmalta.com
Hamilton Travel Co. Ltd.




# Charles Cilia jirbaħ in-nofs Maratona ta' Għawdex

Charles Cilia (*A.S. Libertas*) rebaħ in-Nofs Maratona ta' Għawdex ta' 13.1 mili, organizzata mill-*Gozo Amateur Athletic Association* nhar il-Ħadd 21 ta' April 2002 meta spiċċa l-ewwel f' ħin ta' 1.12:35. Huwa kiseb vantaġġ tajjeb, fejn fit-tieni post daħal Brian Magri (*Athleta Pembroke*) f'1.13:34. It-tielet spiċċa Charlie Vella (*Żurrieq Wolves*) f'1.19:57. Din is-27 edizzjoni kienet possibli bl-għajnuna offruta mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra, il-*Corinitha Groups of Companies*, ir-*Red Bull*, u *San Michel*.

Bħala l-ewwel mara spiċċat Carmen Hili (*St Patricks*) f'1.31:22 quddiem Anna Lungaro u Mary Rose Herd. Bħala l-ewwel Għawdxi daħal Carmel Camilleri f'ħin ta' 1.34:50 segwit minn Raymond Agius u Manuel Formosa. Victor Borg spiċċa l-aħjar fil-kategorija ta' 'l fuq minn 40 sena f'ħin ta' 1.24:23; Ray Mifsud spiċċa l-aħjar fil-kategorija ta' 'l fuq minn 45 sena f'ħin ta' 1.21:13, u Reno Audino f'ħin ta' 1.34:53 spiċċa l-aħjar fil-kategorija ta' 'l fuq minn 50 sena. John Gatt spiċċa l-aħjar b'ħin ta' 1.40:43 fil-kategorija ta' 'l fuq minn 55 sena u Victor Spiteri spiċċa l-aħjar f'dik ta' 'l fuq minn 60 sena f'ħin ta' 1.58:58.

Il-ġirja tat-8 mili ntrebħet għal darb'oħra minn Drew Lang (*St Patricks*) f'ħin ta' 44:59. Warajh spiċċaw Jonathan Balzan u Joseph Abdilla. Bħala l-ewwel mara spiċċat rebbieħa għal darb'oħra Doreen Vella (*Żurrieq Wolves*) f'ħin ta' 54:56. Hija kienet segwita minn Theresa Camilleri u Bridget Falzon.

Bħala l-ewwel Għawdxi spiċċa Dominic Cutajar f'ħin ta' 52:46 segwit minn Philip Cassar u Lawrence Galea. Bħala l-ewwel Għawdxija spiċċat Theresa Toscano f'ħin ta' 1.13:23. Hija kienet segwita minn Geraldine Cassar Torregiani u Jessica Sultana.

Pawlu Camilleri spiċċa l-aħjar fil-kategorija ta' 'l fuq minn 40 sena f'ħin ta' 48:14 u George Farrugia spiċċa l-ewwel fil-kategorija ta' 'l fuq minn 45 sena. Anthony Desira spiċċa fl-ewwel post f'dik ta' 'l fuq minn 50 sena f'ħin ta' 53:03 u Tony Fenech kien l-aħjar fost dawk ta' 'l fuq minn 55 sena b'ħin ta' 1.01:39. Imbagħad Joseph Dimech spiċċa l-ewwel fil-kategorija ta' 'l fuq minn 60 sena f'ħin ta' 1.17:59.

Marie Louise Bugeja spiċċat l-aħjar fil-kategorija ta' 'l fuq minn 40 sena meta spiċċat

f'ħin ta' 1.15:26. Mary Falzon daħlet l-ewwel f'dik ta' 'l fuq minn 50 sena f'ħin ta' 1.09:05 u Cecilia Degaetano b'ħin ta' 1.08:50 spiċċat l-ewwel fil-kategorija ta' 'l fuq minn 60 sena.

Bħala l-iktar raġel anzjan spiċċa Pawlu Fenech u bħala l-iktar anzjana spiċċat Geraldine Cassar Torregiani.

It-tiġrija ta' l-4km ntrebħet minn Nathan Vella f'ħin ta' 11:29. Huwa kien segwit minn Kurt Xerri u Keith Tabone. Bħala l-ewwel tfajla daħlet Joelle Cortis (*Athleta Pembroke*) f'ħin ta' 12:40 segwita minn Marouska Cutajar u Angele Żarb. Bħala l-aħjar tifel fil-kategorija tas-16-il sena spiċċa Matthew Cini f'ħin ta' 13:38 u l-ewwel Għawdxi kien Daniel Pace b'ħin ta' 14:34. Il-kategorija tal-15-il sena ntrebħet minn Andrea Camilleri f'ħin ta' 12:13 u l-ewwel Għawdxi kien Manwel Xerri b'ħin ta' 14:18. Il-kategorija ta' l-14-il sena ntrebħet minn Jeremy Gingell f'ħin ta' 12:42 u l-ewwel Għawdxi spiċċa Joseph Galea f'ħin ta' 12:41. Imbagħad il-kategorija tat-13-il sena ntrebħet minn James Cassar f'ħin ta' 15:18 u l-ewwel Għawdxi kien Nicholas Agius f'ħin ta' 19:36.

Bħala l-ewwel tfajla fil-kategorija tas-16-il sena spiċċat l-ewwel Maria Mifsud f'ħin ta' 14:49 u l-ewwel Għawdxija spiċċat Marita Grima f'ħin ta' 18:19. Il-kategorija tal-15-il sena ntrebħet minn Nadia Mifsud li ġrietha fit-13:46 u l-ewwel Għawdxija daħlet Charlene Agius f'ħin ta' 19:09. Il-kategorija ta' l-14-il sena ntrebħet minn Sarah Ann Borg f'ħin ta' 14:53 u l-ewwel Għawdxija daħlet Modianne Agius f'ħin ta' 15:23, u l-kategorija tat-13-il sena ntrebħet minn Rachelle Cutajar f'ħin ta' 13:41 u l-ewwel Għawdxija spiċċat Carmelina Agius f'ħin ta' 18:01.

Il-ġirja taż-2km ntrebħet minn James Parnis (*Athleta Pembroke*) f'ħin ta' 7:11 segwit minn Claudio Toscano u Christian Formosa. Bħala l-ewwel tifla daħlet Roberta Borg f'ħin ta' 8:08 quddiem Denise Law u Denise Mifsud. Il-kategorija tat-12-il sena ntrebħet minn Gordon Lungaro f'ħin ta' 7:33 u l-ewwel Għawdxi kien James Grima b'ħin ta' 7:51. Il-kategorija tal-11-il sena ntrebħet minn Keith Vassallo f'ħin ta' 7:46 u l-ewwel Għawdxi li daħal kien Joseph Vella f'ħin ta' 8:39. Jean Claude Cutajar rebaħ il-kategorija ta' l-10 snin meta spiċċa l-ewwel f'ħin ta' 8:04 u l-ewwel Għawdxi kien Christian Cardona f'ħin ta' 8:43.




L-ewwel tifla fil-kategorija tat-12-il sena spiċċat l-Għawdxija Christine Sultana f'ħin ta' 11:09 u l-kategorija tal-11-il sena ntrebħet minn Kelly Pace Agius f'ħin ta' 8:45 fejn l-ewwel Għawdxija kienet Alison Sultana b'ħin ta' 10:27. Finalment il-kategorija ta' l-10 snin intrebħet minn Donan Fenech li spiċċat f'ħin ta' 9:48 u l-ewwel Għawdxija kienet Christabel Bajada f'ħin ta' 10:57.

Fir-ritratt jidhru diversi rebbieħa ta' dawn it-tiġrijiet flimkien ma' wħud mill-organizzaturi tal-G.A.A.A.



# kurżitajiet minn madwar id-Dinja

*miġbura minn Pierre Mejlak*

### ♦ Ambulanza tgħaddi minn fuq pazjent!

Fl-Istati Uniti għaddejja nvestigazzjoni wara li ambulanza jingħad li għaddiet minn fuq raġel li kien waqa' ma' l-art b'attakk tal-qalb. Fil-fatt qraba tar-raġel, li fortunatament baqa' ħaj, qalu li l-ambulanza kisret riġlejn ir-raġel u anke d-*defibrillator* li kien juża. Charles W. Kriebla ta' 75 sena minn Warrington, Pennsylvania, rringrazzja lill-ambulanza li waslet fil-ħin. Però darb'oħra żgur jipprova jersaq aktar mal-ġenb tat-triq!

### ♦ Anke xadina tfittex il-familja!

L-awtoritajiet ta' zoo fir-Rumanija skoprew li għandhom xadina li ta' kull fil-għaxija taħrab mill-gaġġa tagħha biex iżżur lill-bqija tal-familja! Miki, xadina Ġappuniża, tgħaddi l-iljieli ma' xadini oħra, fosthom m'ommha, f'masġar żgħir fil-qrib.

Madankollu issa li n-nies saru jafu b'dan, qed tinħoloq problema ġdida għaliex ħafna viżitaturi qed jersqu qrib iz-*zoo* lejn inżul ix-xemx biex jaraw il-ħarba ta' Miki.

### ♦ Trid issemmih Bin Laden!

Koppja mit-Turkija, residenti fil-Ġermanja, qed tiġġieled kontra l-awtoritajiet Ġermanizi biex iħalluha ssemmi lit-tifel tagħha *Osama Bin Laden*. Il-koppja, li qed tissejjaħ bl-ittra G għar-raġunijiet ta' privatezza, ilha minn Lulju li għadda tisħaq li trid li t-tifel jissemma' għall-aktar terrorista mfittex fid-dinja.

### ♦ Xeba' jittajjar!

Raġel sfortunat mir-Rumanija qal li xeba' jittajjar minn karozzi. Nicolae Tabacu għadu kemm ittajjar għas-seba' darba minn karozza, bl-aħħar waħda tkun vettura tal-pulizija! Fis-snin li għaddew Tabacu ttajjar ukoll minn trejn u mutur.

Ir-raġel ta' 44 sena minn Valea Mare, fil-provinċja ta' Arges, qal li issa xeba' jgħaddi minn esperjenzi bħal dawn u appella lis-sewwieqa tal-pajjiż sabiex isuqu b'aktar galbu, l-aktar fiż-żona fejn joqgħod hu.

## MIN JIXBAĦ LIL MIN?



Dilemma tal-filosofija ġenetika ta' żmienna?! Bejn dawn iż-żewġ ritratti meħudin wieħed fi New York u l-ieħor f'Londra, ma tafx jekk hux il-bniedem li sar jixbaħ lill-kelb, jew inkella hux il-kelb li sar jixbaħ lil sidu!




Bonello Raymond
Għal kull xogħol ta' irħam u Granit
(f'Malta kif ukoll f'Għawdex)
Skultura fl-irħam
Interzjar fl-irħam
Disinn fil-Granit
Fire Places
Monumenti
Lapidi tal-ftuħ għal xi okkażjoni
Plot 24, Qasam ta' Dun Anton, Xagħra - Gozo XRA 104
Tel: 21563457 Mobile: 9945 0523

# Qed taħseb biex tħalli
# TIFKIRA SABIĦA TA' L-GĦEŻIEŻ TIEGĦEK?

## "ĠILJAN TAX-XAGĦRA"

jaf jaħsiblek biex
twaqqaf monument
dekoruż u dejjiemi,
ta' l-irħam
jew tal-granit,
bi prezzijiet moderati,
fuq il-qabar
tal-familja tiegħek.




META F'NOVEMBRU ŻŻUR IĊ-ĊIMITERJI T'GĦAWDEX,
WAQT LI TITLOB GĦALL-MEJTIN, ARA WKOLL
IX-XOGĦOL SABIĦ FUQ ĦAFNA OQBRA MAGĦMULA MINN

## JULIAN SULTANA & Co. Ltd.

MARBLE AND GRANITE MONUMENTAL WORKS,
*Marsalforn Road, Xagħra. Tel: 557136. Mobile: 0949 3442.*

DESIGN & COLOR SEPARATIONS: SCERRI REPROGRAPHICS STUDIO - VICTORIA • TEL: 553654